IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2024
COM(2024) 493 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

# RAPPORT ANNWALI 2023

# DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

MT MT

# RAPPORT ANNWALI 2023
# DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

## 1. INTRODUZZJONI

Dan huwa l-31 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità li ġie sottomess skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (il-Protokoll Nru 2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Mill-2018, ir-rapport kopra wkoll ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

L-2023 rat żieda fil-parteċipazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali fid-djalogu politiku mal-Kummissjoni, b'total ta' 402 opinjonijiet (żieda ta' 10 % aktar mill-2022). Rat ukoll diversi innovazzjonijiet notevoli fir-rigward tal-mod li bih il-Parlamenti nazzjonali esprimew il-firxa wiesgħa tal-pożizzjonijiet tagħhom fil-livell tal-UE. Dan wera l-flessibbiltà li joffri d-djalogu politiku mal-Kummissjoni. Xi kmamar wettqu wkoll riformi interni sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom li jsemmgħu leħinhom fil-livell tal-UE.

L-2023 kienet l-aħħar sena sħiħa tal-mandat tal-Kummissjoni u sena li fiha ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Linji Gwida Politiċi tagħha tal-2019 qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024. Konsegwentement, il-Parlamenti nazzjonali baqgħu wkoll tematikament iffukati fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, b'attenzjoni partikolari għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea u l-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna.

Il-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku diffiċli, b'mod speċjali l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi li għaddejja bħalissa fil-Lvant Nofsani, u l-impatt tagħhom, dehru wkoll b'mod prominenti fi skambji, inkluż f'laqgħat interparlamentari bħall-COSAC[1]. Minbarra li tat attenzjoni sħiħa lil kif il-proposti tagħha jqisu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità skont l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tagħha, fl-2023 il-Kummissjoni żiedet l-enfasi tagħha fuq is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-qtugħ tal-burokrazija għaċ-ċittadini u n-negozji.

## 2. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ MILL-ISTITUZZJONIJIET

### 2.1. IL-KUMMISSJONI

#### L-implimentazzjoni tal-impenji għal regolamentazzjoni aħjar u l-irfinar tas-sett ta' għodod tiegħu

Is-sistema komprensiva ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni, li hija kklassifikata fl-ogħla livell mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi[2], hija bbażata fuq il-linji gwida u s-sett ta' għodod adottati fl-2021[3] wara l-Komunikazzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar tal-2021[4]. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kummissjoni hemżet grilja ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà mal-proposti kollha politikament sensittivi u importanti akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt. F'Lulju 2023, il-Kummissjoni kompliet taġġorna diversi elementi tas-sett

[1] Il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea.
[2] OECD Regulatory Policy Outlook 2021 | en | OECD
[3] Regolamentazzjoni aħjar: guidelines and toolbox (europa.eu)
[4] COM(2021) 219 final.

ta' għodod tagħha[5]. Dawn kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' kontroll ġdid tal-kompetittività bħala anness obbligatorju għall-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha, kif imħabbar fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE u dwar l-għajnuna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (il-pakkett ta' għajnuna għall-SMEs)[6]. Bħal fl-2022, il-Kummissjoni kisbet eżitu pożittiv dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ tagħha "one in, one out", li jaġixxi bħala tip ta' "ħelsien mill-kostijiet" għal proposti ġodda, u ħadet azzjoni biex tnaqqas il-piż li jirriżulta mir-rekwiżiti ta' rapportar b'25 %[7], mingħajr ma ddgħajjef l-objettivi ta' politika relatati.

Il-Kummissjoni kompliet tapplika b'mod sistematiku l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità għall-proposti leġiżlattivi tagħha, u poġġiet enfasi akbar fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali u l-verifika rurali[8], li kienet saħħet u introduċiet, rispettivament, fl-2022. Il-valutazzjonijiet tal-impatt kollha maħruġa fl-2023 għalhekk inkludew proċess ta' skrinjar komprensiv biex jiġu identifikati l-effetti asimmetriċi sinifikanti tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni fuq territorji speċifiċi tal-UE (eż. żoni transfruntiera, rurali, insulari, muntanjużi, ultraperiferiċi u skarsament popolati). Din il-metodoloġija ta' skrinjar tidentifika, fi proċess fi tliet stadji[9], kwalunkwe konsegwenza territorjali sproporzjonata li tista' tkun jistħoqqilha valutazzjoni tal-impatt territorjali.

**Kontribut għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż permezz tal-pjattaforma "Fit for Future"**

Fl-2023, il-pjattaforma "Fit for Future"[10] – grupp ta' esperti ta' livell għoli li jgħin lill-Kummissjoni tissimplifika l-liġijiet tal-UE u tnaqqas il-piżijiet regolatorji bla bżonn – adottat tmien opinjonijiet[11]. Dawn koprew firxa wiesgħa ta' suġġetti: l-għoti ta' akkwisti pubbliċi; il-mobbiltà professjonali; il-programm Ewropa Diġitali; il-Funzjonament tar-Regolament Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni; ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*; u tliet suġġetti

[5] Il-bidliet kienu: L-għodda # 3 (Ir-rwol tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju) – li tirrifletti l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-Bord; L-għodda #11 (Format tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt) – li taffettwa l-mod li bih tiġi ppreżentata l-informazzjoni relatata mal-approċċ "one in, one out"; u l-introduzzjoni ta' "Appendiċi – Kontroll tal-kompetittività". Ara BR toolbox – Jul 2023 – FINAL.pdf (europa.eu).

[6] COM(2023) 168 final u COM(2023) 535 final.

[7] L-Istħarriġ tal-Piż Annwali tal-2023 li jmiss se jippreżenta ħarsa ġenerali tal-oqsma ta' ħidma differenti biex tinqata' l-burokrazija. Dan se jkun disponibbli fl-Istħarriġ tal-Piż Annwali – il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

[8] Il-verifika rurali tfisser ir-rieżami tal-politiki minn lenti rurali (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Ġunju 2021, *Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040*, COM(2021) 345 final). Għalhekk, il-verifika rurali tinvolvi l-kunsiderazzjoni tal-impatti reali u potenzjali, diretti u indiretti fuq l-impjiegi rurali u l-prospetti ta' tkabbir u żvilupp, il-benesseri soċjali, u l-kwalità ambjentali taż-żoni u l-komunitajiet rurali. Jekk intervent tal-UE jkun mistenni li jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq dawn iż-żoni u l-komunitajiet, it-tfassil u l-implimentazzjoni tiegħu jista' jkollhom bżonn jiġu aġġustati għall-kuntest speċifiku tagħhom.

[9] Il-Kummissjoni teżamina l-potenzjal għal impatti territorjali fuq tipi speċifiċi ta' reġjuni/żoni bl-għajnuna ta' mistoqsijiet esploratorji (Għodda #18: Identifikazzjoni tal-impatti). Jekk ikun xieraq, verifika tan-neċessità tal-impatt territorjali online (Għodda #34: Impatti territorjali) titwettaq biex jiġi vvalutat jekk valutazzjoni tal-impatt territorjali hijiex rakkomandabbli. Meta l-impatti territorjali potenzjali jitqiesu sostanzjali, valutazzjoni tal-impatt territorjali tipprovdi għarfien dwar ix-xejriet probabbli tal-impatti madwar l-UE, u tgħin biex jiġu identifikati l-ixprunaturi u l-opportunitajiet potenzjali ta' aġġustament biex jiġi żgurat li l-impatt tal-politika jinfirex b'mod aktar uniformi. Ara BR toolbox – Jul 2023 – FINAL.pdf (europa.eu).

[10] Il-pjattaforma "Fit for Future" tisfrutta l-għarfien espert u l-esperjenza tal-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali ta' governanza u tal-partijiet ikkonċernati. Hija magħmula minn żewġ gruppi: il-grupp tal-gvern (rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali mill-Istati Membri kollha tal-UE, u mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni) u l-grupp tal-partijiet interessati (esperti dwar regolamentazzjoni aħjar li jirrappreżentaw in-negozji u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, kif ukoll il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew). Ara https://commission.europa.eu/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f_mt

[11] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-less-costly-and-future-proof/fit-future-platform-f4f/adopted-opinions_en#adopted-opinions--2023

trażversali li ffukaw fuq qafas regolatorju li jibqa' validu fil-futur, l-applikazzjoni tat-"test tal-SMEs" (li jivvaluta l-impatti tal-proposti fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Ħafna mill-opinjonijiet ressqu ideat għas-semplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet li jistgħu jwasslu għal titjib fil-livell lokali u reġjonali u jagħmluha aktar faċli li jkun hemm konformità ma' ċerti regoli[12].

In-network RegHub[13] tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kkontribwixxa għall-ħidma tal-pjattaforma "Fit for Future" fuq diversi opinjonijiet tiegħu. Pereżempju, ir-RegHub wettaq konsultazzjonijiet dwar il-Programm Ewropa Diġitali u dwar l-akkwist pubbliku. Il-feedback u l-esperjenza li nġabru tejbu l-fehim tal-problemi li jiffaċċjaw il-komunitajiet lokali u reġjonali meta jimplimentaw il-politiki u l-liġijiet tal-UE fil-prattika. In-network RegHub ipprovda wkoll kontribut għall-programm ta' ħidma annwali tal-pjattaforma għall-2024 billi ssuġġerixxa suġġetti ta' interess partikolari għal-livelli lokali u reġjonali, bħall-Fond Soċjali Ewropew+ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

### Valutazzjonijiet tal-impatt

Il-Kummissjoni tanalizza l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha mħejjin għall-proposti ta' politika u leġiżlattivi. Dawn il-valutazzjonijiet huma soġġetti għal kontroll tal-kwalità indipendenti mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[14], li skrutinizza 50 valutazzjoni tal-impatt fl-2023. Fir-rapport annwali tiegħu tal-2023[15], il-Bord innota b'mod pożittiv il-konformità mtejba tal-abbozzi tal-valutazzjonijiet tal-impatt mal-impenji l-ġodda għal regolamentazzjoni aħjar u kkonkluda li "s-sussidjarjetà u l-valur miżjud tal-UE" kienu fost l-aktar komponenti ta' kwalità b'saħħithom osservati fl-abbozz tal-valutazzjonijiet tal-impatt. Dan juri l-enfasi tal-Kummissjoni fuq ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-proposti tagħha.

Fil-valutazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, kwalunkwe aspett transfruntier huwa ta' rilevanza partikolari — kif enfasizzat, pereżempju, fil-valutazzjoni tal-impatt għall-proposta dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport[16]. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas komuni tal-UE biex jitqiesu dawn l-emissjonijiet, u għandha valur miżjud intrinsiku u b'saħħtu tal-UE, minħabba li bħalissa ma

---

[12] Pereżempju, l-Opinjoni dwar l-entitajiet tal-ekonomija soċjali enfasizzat li s-sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli għall-għajnuna mill-Istat li jistgħu jappoġġjaw lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jista' jkollha rwol importanti fil-preservazzjoni tal-kompetittività tagħhom. L-opinjoni dwar l-iżgurar ta' qafas regolatorju li jibqa' validu fil-futur għas-suq uniku appellat għal standardizzazzjoni u interoperabbiltà fl-UE kollha sabiex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transfruntiera u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, filwaqt li fl-istess ħin tissaħħaħ il-konformità u jittejjeb l-aċċess għas-suq għan-negozji ta' kull daqs. L-opinjoni dwar l-akkwist pubbliku ressqet suġġerimenti mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam u l-inkoraġġiment tal-akkwist għall-innovazzjoni. Innotat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali joqogħdu attenti fl-approċċ tagħhom għal opportunitajiet ġodda, speċjalment minħabba nuqqas ta' esperjenza magħhom. L-opinjoni dwar l-applikazzjoni tat-test tal-SMEs talbet lill-Kummissjoni tkompli tenfasizza l-perspettiva tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt, l-evalwazzjonijiet *ex post* u l-kontrolli tal-idoneità tad-dritt tal-UE sabiex tivvaluta jekk l-obbligi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (eż. l-obbligi ta' rapportar) għadhomx meħtieġa jew adegwati. Indikat l-iżviluppi teknoloġiċi jew approċċi ġodda li jistgħu jippermettu s-simplifikazzjoni jew it-tnaqqis tal-obbligi jew tal-proċeduri, filwaqt li jinżammu l-istandards ta' protezzjoni eżistenti u l-infurzar effettiv tagħhom. L-opinjoni dwar il-Programm Ewropa Diġitali appellat għall-promozzjoni ta' għodod volontarji ta' valutazzjoni komparattiva (eż. l-għodda ta' Valutazzjoni tal-Maturità Diġitali fil-Livell Lokali u Reġjonali (LORDIMAS)) fl-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-programmi.

[13] RegHub huwa network ta' awtoritajiet lokali u reġjonali li għandu l-għan li jiġbor l-esperjenzi tal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE billi jikkonsulta mal-atturi fil-livell lokali: https://portal.cor.europa.eu/reghub/Pages/default.aspx. Għal aktar informazzjoni dwar il-ħidma tan-network RegHub, ara t-Taqsima 2.4.

[14] https://commission.europa.eu/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt

[15] Ir-rapport tal-2023 ġie ppubblikat f'Mejju 2024 u huwa disponibbli fuq https://commission.europa.eu/publications/regulatory-scrutiny-board-annual-report-2023_en

[16] COM(2023) 441 final.

hemm l-ebda qafas metodoloġiku għall-UE kollha. Dan ifisser li l-partijiet ikkonċernati tat-trasport bħalissa jagħżlu bejn standards, metodoloġiji, għodod ta' kalkolu u valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet differenti biex jikkwantifikaw l-emissjonijiet tagħhom. Id-dimensjoni transfruntiera qawwija tas-settur tat-trasport tal-UE tfisser li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa element b'saħħtu. It-tkomplija tal-approċċi nazzjonali differenti attwali tkun kontroproduttiva u tikkomprometti l-komparabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, tirriskja l-greenwashing, u tagħti inċentivi ta' sostenibbiltà ħżiena lill-utenti.

Eżempju ieħor huwa l-istatistika tas-suq tax-xogħol[17] li għandha l-għan li tipprovdi ħarsa ġenerali statistika kompleta u komparabbli tas-suq tax-xogħol fil-livell tal-UE biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti multipli, għall-finijiet tal-iffaċilitar tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha fl-UE, ir-riċerka u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali. Mingħajr qafas tal-UE, l-Istati Membri ma jiksbux l-istess riżultati f'termini ta' *data*, metodoloġija armonizzata u komparabbiltà tal-outputs u l-konsistenza.

**Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità**

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità huma wkoll aspetti essenzjali għall-evalwazzjonijiet u l-kontrolli tal-idoneità, li jivvalutaw jekk l-azzjoni fil-livell tal-UE wasslitx ir-riżultati mistennija f'termini ta' effiċjenza, effettività, rilevanza u valur miżjud tal-UE. L-evalwazzjonijiet jgħinu wkoll biex jiġi vvalutat jekk l-azzjoni tal-UE għadhiex tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fl-2023, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju skrutinizza tmien evalwazzjonijiet ewlenin. Pereżempju, fl-evalwazzjoni tan-Network Ewropew ta' Osservazzjoni u *Data* Marittima[18] (inizjattiva ffinanzjata mill-UE), l-argument tas-sussidjarjetà ġie ssostanzjat min-natura transnazzjonali tal-ġbir tad-*data* u l-għarfien bejn il-baċiri tal-baħar jew fil-livell tal-UE. Skont l-evalwazzjoni, l-ebda entità ma hija f'pożizzjoni aħjar mill-UE biex tmexxi u tiffinanzja l-ġbir tad-*data* fil-livell tal-UE, l-aċċess għad-*data* u l-prodotti tad-*data*, u s-servizzi ta' interess għall-ibħra u l-oċeani tal-UE. In-network Ewropew ta' Osservazzjoni u *Data* Marittima jiġbor flimkien sett ta' fornituri tad-*data* li qabel kienu frammentati, u b'hekk joħloq valur addizzjonali aktar ċar minn soluzzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali.

## 2.2. Il-Parlament Ewropew[19]

Fl-2023, il-Parlament Ewropew irċieva 294 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2. Minn dawn is-sottomissjonijiet, 22 kienu opinjonijiet motivati[20] u 272 kienu kontributi oħra li ma qajmux tħassib dwar is-sussidjarjetà. Bħala paragun, fl-2022, il-Parlament Ewropew irċieva 249 sottomissjoni, li 34 minnhom kienu opinjonijiet motivati.

Ladarba l-Parlament Ewropew jirċievi sottomissjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali, dawn jintbagħtu lill-kumitat(i) rilevanti skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew[21].

---

17 SWD(2023) 265 final jippreżenta l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta COM(2023) 459 final.

18 SWD(2023) 281 final.

19 It-taqsimiet 2.2 sa 2.4 ta' dan ir-rapport huma bbażati fuq kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet u l-korpi rispettivi tal-UE.

20 Għalkemm dan mhuwiex rilevanti għall-2023, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jinterpretaw l-għadd ta' opinjonijiet motivati b'mod differenti. Il-Kummissjoni tgħodd opinjoni motivata relatata ma' aktar minn proposta waħda bħala opinjoni motivata waħda biss għal skopijiet ta' statistika; filwaqt li, biex jiġi ddeterminat jekk intlaħaqx il-limitu għal "karta safra" jew "karta oranġjo" għal proposta, opinjoni motivata tgħodd bħala opinjoni motivata waħda għal kull waħda mill-proposti koperti. B'kuntrast ma' dan, il-Parlament Ewropew jgħodd opinjoni motivata għal kull proposta involuta. Il-limiti huma stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2.

21 Skont l-Artikolu 43, jekk Parlament nazzjonali jibgħat opinjoni motivata lill-President tal-Parlament Ewropew, dik l-opinjoni tiġi riferuta lill-kumitat responsabbli għas-suġġett u tintbagħat għall-informazzjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), li huwa responsabbli għar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Is-Sur Gilles Lebreton (ID/FR) u s-Sinjura Karen Melchior (Renew/DK) kienu r-rapporteurs permanenti għas-sussidjarjetà fil-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) fl-2023, fl-ewwel u t-tieni nofs tal-2023 rispettivament.

Barra minn hekk, xi kumitati tal-Parlament Ewropew ikkontribwew għad-39[22] u l-40[23] rapport biannwali ppreżentati fl-2023 mill-COSAC[24] dwar l-iżviluppi fil-proċeduri u l-prattiki tal-UE rilevanti għall-iskrutinju parlamentari. Id-39 rapport biannwali – li jittratta l-leġiżlazzjoni dwar il-klima "Lesti għall-mira ta' 55 %", ir-rwol tal-parlamenti fil-proċessi aċċellerati tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'reazzjoni għall-kriżijiet, u l-aħjar prattiki għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-parlamenti, inkluż l-użu tal-IPEX[25] – irċieva kontribut minn tmien kumitati. L-40 rapport biannwali – li jkopri r-rwol tal-parlamenti fir-rigward tal-awtonomija strateġika miftuħa, il-politiki dwar l-enerġija rinnovabbli u l-invażjoni Russa fl-Ukrajna– irċieva kontribut minn disa' kumitati.

F'Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta żewġ riżoluzzjonijiet relatati mal-Parlamenti nazzjonali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità:

- fl-ewwel riżoluzzjoni tiegħu dwar proposti għall-emendar tat-Trattati[26], issuġġerixxa li r-rieżami tas-sussidjarjetà mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jissaħħaħ; u talab li l-opinjoni tal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi titqies fl-opinjonijiet motivati dwar l-abbozzi leġiżlattivi tal-Parlamenti nazzjonali, għall-estensjoni tal-iskadenza għall-proċeduri tal-"karta safra" għal 12-il ġimgħa, u għall-introduzzjoni ta' "mekkaniżmu ta' karta ħadra" għal proposti leġiżlattivi minn Parlamenti nazzjonali jew reġjonali b'setgħat leġiżlattivi sabiex il-leġiżlazzjoni tal-UE tkun aktar reattiva għall-ħtiġijiet lokali;

- fit-tieni riżoluzzjoni tiegħu dwar l-idoneità regolatorja tal-UE u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità[27], tenna r-rwol ewlieni tal-Parlamenti nazzjonali fil-kontroll tas-sussidjarjetà bħala l-gwardjani naturali tal-prinċipju tas-sussidjarjetà bid-dritt li jimmonitorjah permezz tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà.

F'Jannar 2024, il-Parlament Ewropew adotta wkoll rapport fuq inizjattiva proprja dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Parlamenti nazzjonali[28]. Dan ir-rapport tħejja mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) fl-2023. Huwa enfasizza l-punt li l-involviment attiv tal-Parlamenti nazzjonali fl-affarijiet tal-UE u l-iskrutinju msaħħaħ tal-gvernijiet nazzjonali mill-Parlamenti nazzjonali huma essenzjali biex jiġu żgurati r-responsabbiltà demokratika u l-leġittimità tas-sistema istituzzjonali tal-UE. Fakkar ukoll li l-iskrutinju parlamentari jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' trasparenza akbar fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u li l-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jippermetti lill-Parlamenti nazzjonali jeżerċitaw skrutinju xieraq.

---

22 https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a8881d935701881eeb09e40005/39th%20Bi-annual%20Report%20of%20COSAC.pdf

23 https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/8a8629a88bcc3697018bcdb41d910010/3%20-%2040th%20Bi-annual%20Report%20of%20COSAC.pdf

24 Il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea. Il-Parlament Ewropew huwa membru komponenti.

25 https://www.ipex.eu

26 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar proposti tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni tat-Trattati (2022/2051(INL) (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0427_MT.html); Rapporteurs: Is-Sur Guy Verhofstadt (Renew/BE), is-Sur Sven Simon (PPE/DE), is-Sinjura Gabriele Bischoff (S&D/DE), is-Sur Daniel Freund (Verts/AĦE/DE) u s-Sur Helmut Scholz (GUE/NGL/DE).

27 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2023 dwar l-idoneità regolatorja u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-Unjoni Ewropea – rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri l-2020, l-2021 u l-2022 (2023/2079(INI)) (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0442_MT.html); Rapporteur: Is-Sinjura Catharina Rinzema (Renew/NL).

28 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2024 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-parlamenti nazzjonali (2023/2084(INI)) (https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2024-0023_MT.html); Rapporteur: Is-Sur Paulo Rangel (PPE/PT).

Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew[29] kompla jassisti lill-membri u lill-kumitati tal-Parlament Ewropew fl-analiżi tiegħu fl-oqsma kollha ta' politika u billi inkorpora kunsiderazzjonijiet ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità fil-ħidma tiegħu, permezz ta' firxa komprensiva ta' prodotti u servizzi. Fl-2023, ipproduċa 41 valutazzjoni inizjali u valutazzjoni dettaljata waħda tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni kif ukoll valutazzjoni tal-impatt sostituttiva waħda[30] u valutazzjoni tal-impatt komplementari waħda[31]. Min-naħa *ex post*, ippubblika wkoll 7 valutazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-UE, 22 valutazzjoni tal-implimentazzjoni, 2 dokumenti ta' "implimentazzjoni fl-azzjoni" (inkluża pubblikazzjoni li tiskrutinizza l-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni), 2 listi ta' kontroll kontinwi dettaljati u 4 studji oħra. Fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE, kien hemm ukoll tliet rapporti dwar il-kost tan-non-Ewropa, tliet valutazzjonijiet tal-valur miżjud tal-UE u erba' pubblikazzjonijiet oħra relatati.

## 2.3. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Fl-2023, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) – inkluż permezz tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tiegħu – kompla jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tal-konklużjonijiet li l-Kunsill u l-Kunsill Ewropew kienu adottaw fis-snin preċedenti fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (speċjalment dawk diġà msemmija fl-edizzjoni preċedenti ta' dan ir-rapport annwali). Dawn kienu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar "It-tlestija ulterjuri tal-Aġenda tas-Suq Uniku" [32]; fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni Aħjar – niżguraw il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv"[33]; fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja u klawżoli ta' Esperimentazzjoni bħala għodod għal qafas regolatorju reżiljenti, favorevoli għall-innovazzjoni u reżistenti għall-futur li jegħleb l-isfidi ta' tfixkil fl-era diġitali"[34]; u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Teknoloġiji tad-*data* għat-titjib tar-Regolamentazzjoni Aħjar"[35].

Il-Kunsill Ewropew indirizza wkoll f'diversi okkażjonijiet matul l-2023 il-kwistjonijiet ta' simplifikazzjoni regolatorja u modi kif jitnaqqas il-piż regolatorju fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kompetittività, is-suq uniku u l-ekonomija. F'dan ir-rigward, innota li "l-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jtejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-investiment li jwasslu aktar għall-kompetittività. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha biex imexxu 'l quddiem il-ħidma biex tiġi ssimplifikata r-regolamentazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv bla bżonn (inklużi r-rekwiżiti ta' rappurtar), b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji l-ġodda"[36].

Fl-2023, il-Kunsill bagħat proposta leġiżlattiva waħda lill-Parlamenti nazzjonali li kienu oriġinaw mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[37]. Qassam ukoll żewġ opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità dwar din il-

---

[29] Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (europa.eu)

[30] Valutazzjoni tal-impatt sostituttiva: proposta għal regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, Ottubru 2023, PE 753.156.

[31] Valutazzjoni tal-impatt komplementari dwar il-proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, April 2023, PE 740.248.

[32] Id-dokument EUCO 17/18, il-punti II/2 u IV/15 u d-dokument EUCO 13/20, il-punt II/4; u, f'termini ta' implimentazzjoni, id-dokument tal-Kunsill ST 11654/21.

[33] Id-dokument tal-Kunsill ST 6232/20, il-punti 2 u 12.

[34] Id-dokument tal-Kunsill ST 13026/1/20 REV 1, il-punti 3 u 12.

[35] ĠU C 241, 21.6.2021, p. 13.

[36] Id-dokument EUCO 14/23.

[37] Id-dokument tal-Kunsill ST 15936/22 dwar il-proposta leġiżlattiva tal-QĠUE dwar "Emenda għall-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE".

proposta leġiżlattiva lill-Istati Membri u għaddihom ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi. Fl-2023, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qassam 20 opinjoni motivata li kienu waslu fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 u 291 opinjoni maħruġa fil-qafas tad-djalogu politiku[38].

## 2.4. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (il-KtR) ħadem fuq is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni aħjar, iggwidat mill-prijoritajiet għall-mandat tiegħu 2020–2025[39], u ppromwova kultura ta' sussidjarjetà attiva permezz tal-azzjonijiet tiegħu.

Il-Grupp ta' Tmexxija ta' Regolamentazzjoni Aħjar u Sussidjarjetà Attiva tal-KtR (BRASS-G, Better Regulation and Active Subsidiarity Steering Group)[40] ta direzzjoni lill-għodod differenti tal-KtR għal regolamentazzjoni aħjar, filwaqt li żgura l-koerenza u s-sinerġiji bejniethom u ppromova l-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal regolamentazzjoni aħjar tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu mill-konċepiment sal-evalwazzjoni *ex post*. Dan kien jinkludi l-fażijiet ta' identifikazzjoni bikrija tax-xejriet u l-kwistjonijiet (permezz ta' prospettiva strateġika); l-iżvilupp tal-politika (*ex ante* permezz tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, u l-verifika rurali); ir-rieżami leġiżlattiv (*ex post* b'enfasi fuq l-implimentazzjoni permezz tan-network RegHub); u r-reviżjoni possibbli tal-politika (permezz tal-kontribut tal-KtR għall-ħidma tal-pjattaforma "Fit for Future").

Il-KtR ħadem fuq il-bini tal-kapaċità ta' prospettiva tiegħu; dwar l-integrazzjoni tal-prospettiva fil-ħidma politika tiegħu; u dwar l-identifikazzjoni u r-rabta tal-kapaċità ta' prospettiva f'xi bliet u reġjuni bl-istess kapaċità fi bliet u reġjuni oħra, u mal-livell tal-UE u tal-KtR[41]. Gradwalment qed jibni network ta' reġjuni u bliet b'esperjenza fil-prospettiva strateġika u qed jappoġġja l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u kultura ta' prospettiva fil-livell sottonazzjonali. Dan huwa evidenzjat minn laboratorju parteċipattiv dwar il-prospettiva strateġika għar-reġjuni u l-bliet[42] li huwa koorganizzat mal-Kummissjoni; permezz ta' eżerċizzju pilota ta' prospettiva[43] għall-membri tal-grupp ta' ħidma "Il-Patt Ekoloġiku fil-Livell Lokali" tal-KtR f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni; u billi tiġi inkluża dimensjoni ta' prospettiva fl-istudji rilevanti kollha kkummissjonati esternament. Il-KtR ħareġ ukoll opinjoni[44] dwar il-prospettiva strateġika li enfasizzat il-punt li kien importanti wkoll għall-mexxejja lokali u reġjonali.

---

38 Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ma jirċevix b'mod sistematiku l-opinjonijiet kollha tal-Parlamenti nazzjonali, għalhekk l-istituzzjonijiet differenti jistgħu jirċievu għadd differenti ta' opinjonijiet (ara wkoll in-nota 20 f'qiegħ il-paġna).

39 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tat-2 ta' Lulju 2020 dwar il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020–2025 – Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, il-bliet u r-reġjuni tagħha, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN-MT/TXT/?from=EN&uri=CELEX%3A52020XR1392.

40 Is-Sinjura Antje Grotheer (DE/PSE), membru tal-KtR u President tal-Parlament reġjonali ta' Bremen, ħadet post is-Sur Karl-Heinz Lambertz (BE/PSE) fl-2024 bħala President tal-Grupp BRASS. Għal aktar informazzjoni dwar BRASS-G, ara https://cor.europa.eu/en/our-work/Pages/Better-Regulation-and-Active-Subsidiarity.aspx.

41 Il-KtR kien involut f'ħafna attivitajiet dwar il-prospettiva strateġika organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE, prinċipalment fil-kuntest tas-Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġiji u l-Politiki (ESPAS). Dan kien jinkludi l-parteċipazzjoni tiegħu fit-tim ewlieni tal-abbozzar tar-Rapport dwar ix-Xejriet Globali tal-ESPAS tal-2024, it-tim tal-proġett tal-ESPAS, il-Grupp ta' Tmexxija tal-ESPAS, in-Network tat-Talenti Żgħażagħ tal-ESPAS u l-konferenza annwali tal-ESPAS tal-2023.

42 https://cor.europa.eu/en/news/Pages/strategic-foresight-capacity-better-prepare-future.aspx

43 https://cor.europa.eu/en/news/Pages/green-deal-going-local-working-group-strategic-foresight.aspx

44 CIVEX-VII/022: Prospettiva strateġika bħala strument ta' governanza tal-UE u regolamentazzjoni aħjar.

Il-KtR adotta 53 Opinjoni u 6 riżoluzzjonijiet[45]. Aktar minn nofshom[46] inkludew jew referenzi espliċiti għall-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, jew rakkomandazzjonijiet konkreti biex tittejjeb tali konformità. Barra minn hekk, u bl-istess objettiv, adotta l-programm ta' ħidma annwali tiegħu dwar is-sussidjarjetà għall-2023[47], li identifika ħames inizjattivi mill-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni għall-2023 bħala prijoritajiet ta' monitoraġġ minħabba l-interess politiku ċar tagħhom għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-impatt fuq il-kompetenzi tagħhom. Dawn kienu l-inizjattivi dwar ħamrija b'saħħitha, it-tnaqqis tal-iskart, il-governanza ekonomika, is-sistemi tal-ikel sostenibbli u l-pakkett ta' għajnuna għall-SMEs. Il-KtR ħareġ opinjonijiet dwar il-biċċa l-kbira minnhom[48]. In-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-KtR[49] iffaċilita wkoll l-iskambju ta' osservazzjonijiet relatati mal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari bis-saħħa tal-membri tar-REGPEX[50].

Fi Frar 2023, il-Bureau tal-KtR adotta strateġija mġedda għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali. Il-Bureau ggwida tliet sessjonijiet ta' ħidma dwar il-valutazzjoni tal-impatt territorjali fl-2023[51]. F'Mejju, il-KtR ħareġ ukoll opinjoni[52] li enfasizzat il-ħtieġa għal valutazzjoni *ex ante* sistematika tal-impatti territorjali differenzjati potenzjali tal-politiki l-ġodda kollha tal-UE b'dimensjoni territorjali fil-fażi tat-tfassil tagħhom. F'Settembru, ippreżenta l-ħidma tiegħu dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir, taħt il-formazzjoni ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kunsill.

Barra minn hekk, il-KtR żviluppa metodoloġija għall-verifika rurali biex jiżgura li l-ispeċifiċitajiet taż-żoni rurali jiġu kkunsidrati qabel ma tiġi adottata l-leġiżlazzjoni tal-UE. Pereżempju, il-verifika rurali kienet il-fokus tal-ewwel workshop tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali dwar is-suġġett tas-sistemi tal-ikel sostenibbli f'Ġunju 2023.

Il-KtR kompla japplika l-għodod *ex post* tiegħu għal regolamentazzjoni aħjar fi sħubija mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-pjattaforma "Fit for Future" bil-kontribut tan-network RegHub[53] tiegħu. Ir-RegHub ikkonsulta ċ-ċentri reġjonali dwar ir-rapport "The future of the Green Deal: taking stock and looking ahead" u ġabret l-esperjenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn ġew ippubblikati f'rapport ta' implimentazzjoni[54] u enfasizzati fl-

---

45 Għad-dettalji kollha, ara EUR-Lex (europa.eu).

46 29 opinjoni u 4 riżoluzzjonijiet. Ir-"Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-Istat fl-2023 tar-Reġjuni u l-Bliet fl-Unjoni Ewropea u proposti fid-dawl tal-Aġenda Strateġika tal-UE 2024–2029 li jmiss" (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:C_202301321) enfasizzat li "l-ottimizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattat għandha tiżgura b'mod attiv trasparenza u responsabbiltà akbar fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, inkluża enfasi akbar fuq is-sussidjarjetà, il-governanza f'diversi livelli u r-rwol tal-(Kumitat tar-Reġjuni)" u qieset "f'dan ir-rigward indispensabbli reviżjoni tal-ftehim interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet matul iċ-ċiklu ta' politika li jmiss".

47 https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Publications/Documents/Subsidiarity-Work-Programme/2023.pdf

48 ENVE-VII/042 – Il-monitoraġġ u r-reżiljenza tal-ħamrija (il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija); ECON-VII/030 – Ir-riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE; NAT-VII/033 – Qafas leġiżlattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli; u ECON-VII/035 – Il-pakkett ta' għajnuna għall-SMEs u l-qafas tal-BEFIT.

49 In-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà jlaqqa' flimkien il-Parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi; l-awtoritajiet lokali u reġjonali mingħajr setgħat leġislattivi; u l-assoċjazzjonijiet tal-gvern lokali fl-UE. Hu miftuħ ukoll għad-delegazzjonijiet nazzjonali tal-KtR u għall-Parlamenti nazzjonali.

50 Ir-REGPEX huwa sottogrupp tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà li jlaqqa' flimkien il-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi (https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx).

51 "Strateġija 2.0 tad-Droni" f'Mejju, "Sistemi tal-Ikel Sostenibbli" f'Ġunju u "Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)" f'Ottubru.

52 COTER-VII/026: La tagħmilx ħsara lill-koeżjoni – prinċipju trasversali li jikkontribwixxi għall-koeżjoni bħala objettiv u valur ġenerali tal-UE.

53 Ara t-Taqsima 2.1 għal aktar informazzjoni dwar il-kontribut tal-KtR għall-ħidma tal-pjattaforma "Fit for Future" permezz tar-RegHub.

54 https://cor.europa.eu/en/engage/Documents/RegHub/green-deal-taking-stock-looking-ahead.pdf

"2023 EU Annual Report of the State of Regions and Cities" tal-KtR[55]. Iċ-ċentri reġjonali ġew ikkonsultati wkoll dwar id-dimensjoni reġjonali tal-pjani strateġiċi tal-politika agrikola komuni. Ir-riżultati tal-ewwel fażi ta' din il-konsultazzjoni ngħabru f'rapport ta' implimentazzjoni[56], u b'hekk ġew infurmati d-diskussjonijiet tal-KtR mal-imsieħba istituzzjonali tiegħu u kkontribwixxew għall-ħidma dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika agrikola komuni.

Fl-2023, il-Kummissjoni u l-KtR irrevedew b'mod konġunt il-Protokoll tagħhom dwar il-kooperazzjoni bl-għan li jsaħħu s-sħubijiet istituzzjonali tagħhom u jippromovu l-iżvilupp ta' UE aktar parteċipattiva. Fil-Protokoll rivedut[57], li ġie ffirmat f'Marzu 2024, iż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jistinkaw b'mod konġunt biex javvanzaw is-sussidjarjetà attiva u r-regolamentazzjoni aħjar; u qablu dwar passi konkreti għal dan l-għan. Din il-kooperazzjoni hija relatata wkoll mal-ħidma dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità biex jiġi żgurat li jitqiesu d-dimensjonijiet reġjonali u lokali.

## 2.5 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fl-2023, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rreferiet għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fis-sentenza tagħha dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija[58]. Il-Qorti Ġenerali ntalbet mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali biex teżamina jekk ir-Regolament ippermettiex lill-Aġenzija tadotta deċiżjoni dwar kwistjonijiet li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kienu ssottomettew bħala li ġew miftiehma bejniethom. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet[59], abbażi tal-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, li l-Aġenzija ngħatat setgħa deċiżjonali awtonoma u għalhekk mhijiex marbuta bil-pożizzjoni meħuda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

Il-memorandum ta' spjegazzjoni kien ikkunsidra li s-setgħa tal-Aġenzija tkun konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li tintervjeni f'dawk l-oqsma fejn it-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali frammentat dwar kwistjonijiet b'rilevanza transfruntiera jwassal għal problemi jew inkonsistenzi għas-suq intern. Il-memorandum ta' spjegazzjoni qies ukoll li s-setgħa tal-Aġenzija tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, minħabba li l-Aġenzija kellha tingħata kompiti addizzjonali, speċjalment fl-operat reġjonali tas-sistema tal-enerġija, iżda r-regolaturi nazzjonali kellhom iżommu r-rwol ċentrali tagħhom fir-regolamentazzjoni tal-enerġija. Il-Qorti kkonkludiet, abbażi tal-memorandum ta' spjegazzjoni, li l-leġiżlatur tal-UE kellu l-intenzjoni b'mod ċar li jagħmel it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet transfruntiera diffiċli aktar effiċjenti u aktar malajr billi jsaħħaħ is-setgħat individwali ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Aġenzija b'mod li kien kompatibbli maż-żamma tar-rwol ċentrali tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fir-regolamentazzjoni tal-enerġija. Il-kawża bħalissa hija pendenti fl-appell quddiem il-Qorti.

[55] https://cor.europa.eu/en/engage/brochures/Documents/EU%20Annual%20Report%20on%20the%20State%20of%20Regions%20and%20Cities%202023/4892%20-%202023%20Annual%20Report%20EN.pdf
[56] https://cor.europa.eu/en/engage/Documents/RegHub/1st-report-regional-dimension-cap-strategic-plans.pdf
[57] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32024Y02478
[58] Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (rifformulazzjoni).
[59] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Frar 2023, *Austrian Power Grid et* vs *ACER*, T-606/20, ECLI:EU:T:2023, punti 45 sa 49 (appell pendenti: Il-kawża C-281/23 P).

## 3. L-APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

### 3.1 ĦARSA ĠENERALI

Il-Kummissjoni rċeviet **22 opinjoni motivata**[60] mill-parlamenti nazzjonali fl-2023[61]. Dan kien terz inqas mit-32 li waslu fl-2022, f'konformità ma' xejra 'l isfel fit-tul fl-għadd ta' opinjonijiet b'mod ġenerali u b'mod partikolari fl-għadd ta' opinjonijiet motivati. Ix-xejra 'l isfel għall-opinjonijiet motivati ssir saħansitra aktar evidenti jekk l-għadd ta' opinjonijiet motivati jiġi espress bħala perċentwal tal-għadd globali ta' opinjonijiet[62].




60 Skont il-Protokoll Nru 2, kwalunkwe Parlament nazzjonali jew kamra ta' Parlament nazzjonali tista', fi żmien 8 ġimgħat mid-data tat-trażmissjoni ta' abbozz ta' att leġiżlattiv bil-lingwi uffiċjali tal-UE, toħroġ opinjoni motivata fejn tiddikjara għaliex tqis li l-abbozz inkwistjoni ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ara wkoll in-nota 61 f'qiegħ il-paġna.

61 Dan in-numru jirreferi għan-numru totali ta' opinjonijiet motivati li waslu mill-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2 fl-2023. Ara wkoll in-nota 20 f'qiegħ il-paġna u l-Anness 1 għal-lista ta' dokumenti tal-Kummissjoni li dwarhom il-Kummissjoni rċeviet opinjonijiet motivati.

62 Minħabba l-għadd pjuttost żgħir ta' opinjonijiet motivati, anke żieda żgħira fl-għadd ta' opinjonijiet motivati tista' tikkawża żieda apparentement straordinarja fil-perċentwal ta' opinjonijiet motivati. Dan jista' jispjega l-"qabża" bejn l-2021 u l-2022, li kienet ikkawżata mhux l-inqas mill-proposta "Liġi Elettorali" tal-Parlament Ewropew li skattat tmien opinjonijiet motivati (ara r-rapport annwali tal-Kummissjoni għall-2022, COM(2023) 640 final, p. 10).




*Nota: il-linja bit-tikek tirrappreżenta t-trendline lineari.*

Fl-2023 (bħal fl-2022), il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet motivati oriġinaw minn Parlament nazzjonali wieħed. Fl-2023, il-Parlament Taljan ħareġ disa' opinjonijiet motivati: sitta mill-*Camera dei Deputati* u tlieta mis-*Senato della Repubblica*. Ir-*Riksdag* Żvediż ħareġ 5 opinjonijiet motivati fl-2023, jiġifieri 23 % tal-għadd totali (fl-2022, kien ħareġ 14-il opinjoni motivata, aktar minn 40 % tal-opinjonijiet motivati kollha). Flimkien, dawn iż-**żewġ parlamenti ħarġu żewġ terzi tal-opinjonijiet motivati kollha** li waslu fl-2023.

L-opinjonijiet motivati l-oħra tal-2023 inħarġu mis-*Sénat Franċiż* (tlieta) u mill-*Poslanecká sněmovna* Ċek, l-*Országgyűlés* Ungeriż, il-*Vouli ton Antiprosopon* Ċiprijott, l-*Eerste Kamer* u t-*Tweede Kamer* Netherlandiżi (waħda kull wieħed). Dan ifisser li 9 mid-39 Parlament nazzjonali jew kamra li ġejjin minn 7 Stati Membri ħarġu opinjonijiet motivati fl-2023 (13 fl-2022, 7 fl-2021 u 8 fl-2020).

Mill-perspettiva tematika, it-22 opinjoni motivata li waslu fl-2023 infirxu ftit u kienu relatati ma' **14-il proposta differenti tal-Kummissjoni**, li l-ebda waħda minnhom ma rċeviet aktar minn 3 opinjonijiet motivati. Sitta minn dawk il-proposti kienu jappartjenu għall-prijorità ewlenija tal-Kummissjoni[63] ta' "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", tlieta għal "Ewropa lesta għall-era diġitali", tlieta għal "Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea" u tnejn għal "Ekonomija għas-servizz tan-nies".

Il-proposta li skattat opinjonijiet motivati li jikkorrispondu għall-ogħla numru ta' voti tal-Parlament nazzjonali[64] fl-2023 kienet il-proposta dwar il-pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda[65], li skattat żewġ opinjonijiet motivati li kienu jikkorrispondu għal erba' voti. Madankollu, ma laħqitx il-limitu għal tweġiba aggregata mill-Kummissjoni[66], aħseb u ara għal "karta safra" li tkun teħtieġ li l-Kummissjoni tagħti raġunijiet għaż-żamma, it-tibdil jew l-irtirar

[63] https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024_mt
[64] Kull Parlament nazzjonali għandu żewġ voti. Kull kamra fis-sistemi bikamerali għandha vot wieħed.
[65] COM(2023) 411 final.
[66] Il-Kummissjoni impenjat ruħha li twieġeb bi tweġiba aggregata jekk proposta tiskatta għadd "sinifikanti" ta' opinjonijiet motivati ("sinifikanti" f'dan il-kuntest ifisser li l-għadd ta' opinjonijiet motivati jikkorrispondi għal mill-inqas seba' voti tal-parlament nazzjonali), anke jekk il-proposta ma tkunx skattat biżżejjed opinjonijiet motivati biex jintlaħaq il-limitu tal-"karta safra", li jiskatta rieżami obbligatorju ta' abbozz ta' att legali. Il-limitu tal-"karta safra" normalment jintlaħaq meta l-għadd ta' opinjonijiet motivati riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali jkun mill-inqas terz tal-voti kollha allokati lilhom (jiġifieri 18 minn 54). Għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi sottomessi fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-limitu huwa kwart tal-voti (14 minn 54).

tal-proposta tagħha. Sitt proposti oħra rċevew bejn żewġ u tliet opinjonijiet motivati li kienu jikkorrispondu għal żewġ jew tliet voti. Is-seba' proposti li jifdal skattaw opinjoni motivata waħda biss kull waħda (ara l-Anness 1 għad-dettalji kollha).

It-Taqsima 3.2 li ġejja tkopri l-każijiet ewlenin ta' proposti li skattaw aktar minn opinjoni motivata waħda.

### 3.2 Każijiet ewlenin

Taħt il-prijorità ewlenija tal-Kummissjoni ta' "Patt Ekoloġiku Ewropew", il-proposta għal regolament **dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ**[67] skattat l-ogħla għadd ta' opinjonijiet fl-2023: Tliet opinjonijiet motivati[68] u sitt opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku[69].

Fl-opinjonijiet motivati tagħhom, iż-żewġ kmamar Taljani ddikjaraw li ma raw l-ebda ħtieġa għal leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, b'mod partikolari, biex jippromwovu mudelli ta' użu mill-ġdid, għad-detriment ta' mudelli ta' riċiklaġġ b'suċċess fil-livell nazzjonali. Is-*Sénat* Franċiż indika r-riskju li tiġi mminata leġiżlazzjoni nazzjonali aktar ambizzjuża fir-rigward tal-użu tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-unika bażi legali, u enfasizza l-ħtieġa li jiġi rispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika fir-rigward tar-rekwiżit li jiġu stabbiliti sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu għal fliexken tal-plastik u laned tal-metall li jintużaw darba biss. Il-*Camera dei Deputati* Taljana qieset li l-Istati Membri li jirriċiklaw kwantitajiet kbar ta' skart mill-imballaġġ għandhom jiġu eżentati mill-obbligu tal-użu mill-ġdid u li jistabbilixxu sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu. It-tliet kmamar kollha qiesu li direttiva kienet tkun strument legali aktar xieraq minn regolament u indikaw li l-użu previst ta' atti delegati ma għandux jippermetti lill-Kummissjoni tirregola lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' elementi mhux essenzjali. Iż-żewġ kmamar Taljani qiesu li r-restrizzjonijiet fuq ċertu imballaġġ li jintuża darba biss kienu sproporzjonati u kienu jinvolvu riskji għas-sikurezza tal-ikel. Is-*Senato della Repubblica* Taljan ra wkoll riskju li l-imballaġġ tal-prodotti mediċinali jista' jiġi riċiklat u talab li dan jiġi eżentat mir-rekwiżit tar-riċiklabbiltà. Il-*Camera dei Deputati* Taljana esprimiet tħassib dwar ir-rekwiżiti obbligatorji tal-kontenut riċiklat għall-imballaġġ għall-prodotti mediċi u għall-imballaġġ li jiġi f'kuntatt mal-ikel u appellat ukoll għall-espansjoni tal-lista ta' applikazzjonijiet għall-imballaġġ li għandhom isiru minn materjali kompostabbli.

L-opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li din il-proposta tippermetti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri. B'mod simili għall-Parlament Taljan, is-*Senat* Pollakk ikkritika l-valutazzjoni tal-impatt u appella għal analiżi fil-fond biex jiġi żgurat li l-miri l-ġodda proposti jkunu realistiċi, miżurabbli u teknikament fattibbli. Il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka ssuġġeriet li l-mira għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-ammont ta' skart mill-imballaġġ prodott għal kull resident. Is-*Senat* Rumen talab kjarifiki dwar id-definizzjonijiet użati u r-responsabbiltajiet tal-atturi ekonomiċi.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni argumentat li l-miżuri proposti kienu meħtieġa sabiex tiġi żgurata ekonomija ċirkolari u jiġi evitat it-tkabbir mhux sostenibbli tal-iskart mill-imballaġġ. Qieset li s-sistemi ta' rifużjoni tad-depożitu kienu waħda mill-miżuri abilitanti ewlenin biex jintlaħqu dawn l-objettivi. Indikat ukoll il-punt li l-Istati Membri li jiksbu rata għolja ta' ġbir tal-formati tal-imballaġġ fil-mira b'mezzi oħra jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx f'tali sistemi. Fir-rigward tal-għażla tal-istrument legali, il-Kummissjoni sostniet li regolament kien kruċjali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-proposta u li t-talba biex l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà ġiet indirizzata billi ġew definiti b'mod ċar il-limiti tad-dispożizzjonijiet legali fit-test tal-proposta. Fir-

[67] COM(2022) 677 final.

[68] Is-*Sénat* Franċiż u l-*Camera dei Deputati* u s-*Senato della Repubblica* Taljani.

[69] Il-*Poslanecká sněmovna* u s-*Senát* Ċeki, il-*Cortes Generales* Spanjoli, il-*Camera dei Deputati* Taljana, is-*Senat* Pollakk u s-*Senat* Rumen.

rigward tal-imballaġġ għall-prodotti mediċinali, il-Kummissjoni indikat li l-proposta pprevediet perjodu ta' tranżizzjoni itwal għall-konformità mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà u eżentat il-prodotti mediċinali mir-rekwiżiti tal-kontenut riċiklat. Fir-rigward tat-tħassib dwar l-impatti fuq is-sikurezza tal-ikel, il-Kummissjoni argumentat li l-imballaġġ li jintuża darba biss ma jżidx is-sikurezza tal-ikel iżda qablet dwar il-ħtieġa li l-frott u l-ħxejjex delikati jiġu eżentati mill-projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt u l-ħtieġa għal kjarifika, il-Kummissjoni spjegat li l-metodoloġija kienet ibbażata fuq il-prinċipji tal-improntar ambjentali u li kienet qed taħdem mal-koleġiżlaturi biex tiżgura aktar ċarezza fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet lill-atturi ekonomiċi.

Il-proposta għal regolament dwar **ċerti tekniki ġenomiċi ġodda**[70] skattat żewġ opinjonijiet motivati[71] u seba' opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku[72]. Fl-opinjonijiet motivati tagħhom, *Vouli ton Antiprosopon* Ċiprijott u *Országgyűlés* Ungeriż qiesu li l-prinċipju tas-sussidjarjetà nkiser mid-dispożizzjoni li tipprevjeni lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu l-kultivazzjoni tal-pjanti tat-tekniki ġenomiċi ġodda (NGT, new genomic techniques) tal-kategorija 2 (jiġifieri pjanti li, għall-kuntrarju tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, ma setgħux jokkorru wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali). Dan l-argument ġie mtenni wkoll f'xi opinjonijiet ta' djalogu politiku. Il-proposta ġiet ikkritikata wkoll għal bażi legali insuffiċjenti; tħassib dwar it-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-konsumaturi; protezzjoni tal-konsumatur u l-impatt fuq il-konsumaturi tal-limitazzjoni tar-rekwiżiti tat-tikkettar għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 għall-materjal riproduttiv tal-pjanti; tħassib dwar il-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u ta' prekawzjoni; u tħassib dwar ir-riskji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni jekk xi nissiela jiksbu privattivi fuq l-NGTs. L-opinjonijiet inkludew ukoll diversi talbiet, bħall-projbizzjoni tal-privattivi tal-NGT tal-kategorija 1 u l-prevenzjoni tal-monopolizzazzjoni tas-settur; għal studju dwar l-impatt tal-privattivi u l-liċenzji relatati; għall-istess livell ta' kontroll għall-pjanti prodotti f'pajjiżi terzi; u biex jiġi rregolat l-użu tal-NGT fuq il-mikroorganiżmi.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-għażla tan-"nonparteċipazzjoni" ma setgħetx tintuża biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent li jirriżultaw minn organiżmi ġenetikament modifikati (OĠMs). Riskji bħal dawn diġà ġew ivvalutati permezz ta' valutazzjoni xjentifika armonizzata fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-għażla tan-"nonparteċipazzjoni" għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 ma kinitx relatata mal-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza ta' tali pjanti, preċiżament minħabba li l-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jiġu awtorizzati biss jekk ikunu sikuri. Fuq il-bażi legali, il-Kummissjoni indikat il-konsistenza tagħha mal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-OĠM dwar ir-rilaxx intenzjonat u t-tqegħid fis-suq ta' OĠMs. Dwar it-tikkettar, il-Kummissjoni għamlitha ċara li l-ħtieġa ta' tikketta ġenetikament modifikata għal prodotti minn pjanti bħal dawn ma tirriflettix b'mod preċiż il-fatt li l-istess prodott jista' jinkiseb b'mezzi konvenzjonali. Dwar il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni rreferiet għall-fehma tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li ma hemm l-ebda perikli ġodda marbuta speċifikament ma' mutaġenesi mmirata u ċisġenesi (meta mqabbla ma' tnissil konvenzjonali jew tekniki ġenomiċi stabbiliti). Dwar il-privattivi u l-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet konxja li l-privattiva tal-pjanti tal-NGT kienet kwistjoni ta' tħassib għal ħafna u li għalhekk se tivvaluta l-impatt tal-privattivi tal-pjanti fuq l-innovazzjoni fit-tnissil tal-pjanti; dwar l-aċċess tan-nissiela tal-pjanti għal materjal u tekniki ġenetiċi; dwar id-disponibbiltà taż-żrieragħ għall-bdiewa; u dwar il-kompetittività ġenerali tal-industrija tal-bijoteknoloġija tal-UE. Iddikjarat ukoll li kienet se tippubblika rapport bis-sejbiet tagħha sal-2026.

---

[70] COM(2023) 411 final.

[71] Il-*Vouli ton Antiprosopon* Ċiprijott u l-*Országgyűlés* Ungeriż.

[72] Is-*Senát* Ċek, il-*Folketing* Daniż, il-*Hrvatski Sabor* Kroat, is-*Senato della Repubblica* Taljan, l-*Eerste Kamer* Netherlandiż, l-*Assembleia da República* Portugiża u s-*Senat* Rumen.

Il-proposta għal **Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija**[73] rċeviet żewġ opinjonijiet motivati[74] u tliet opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku[75]. Fl-opinjonijiet motivati identiċi tagħhom, iż-żewġ kmamar Netherlandiżi argumentaw li l-effetti tat-tniġġis mill-arja u mill-ilma fuq il-ħamrija kienu kwistjoni nazzjonali u l-benefiċċji tal-miżuri proposti ma kinux intwerew fuq Stati Membri individwali. Fil-fehma tagħhom, il-proposta ma tiżgurax kundizzjonijiet ekwi minħabba li kienet relatata mal-effetti tat-tniġġis u mhux mas-sorsi tiegħu. L-opinjonijiet mis-*Senát* Ċek, mis-*Senato della Repubblica* Taljan u mill-*Bundesrat* Awstrijak enfasizzaw il-punt li l-Istati Membri jeħtieġ li jkunu jistgħu jqisu l-kundizzjonijiet lokali, il-politiki eżistenti, u l-kompetenzi fil-livell sottonazzjonali. Huma indikaw ukoll li l-proposta tista' żżid il-piż amministrattiv għall-Istati Membri.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li huwa meħtieġ qafas solidu ta' monitoraġġ u valutazzjoni b'miżuri dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u s-siti kkontaminati sabiex tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 – minħabba l-iskala u l-evoluzzjoni negattiva tal-problema f'dawn l-aħħar deċennji, l-impatti transfruntiera marbuta mas-saħħa tal-ħamrija u l-kost sinifikanti tal-ġestjoni tal-impatt ta' ħamrija mhux f'saħħitha. Spjegat li l-proposta tagħha kellha l-għan li tindirizza l-impatti transkonfinali tad-degradazzjoni tal-ħamrija; li jiġu żgurati kundizzjonijiet tas-suq ugwali; u biex tiġi promossa l-koerenza tal-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, filwaqt li tiħalla flessibbiltà lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-miżuri meħtieġa b'mod li jippermettilhom iqisu l-varjabbiltà tal-ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali, il-politiki u l-prattiki eżistenti, u l-kompetenzi fil-livell reġjonali f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, il-proposta kien fiha dispożizzjonijiet li huma meħtieġa u xierqa biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha iżda mminimizzat il-piż amministrattiv ta' dan. L-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex gradwalment jistabbilixxu l-governanza, il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw il-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u biex jindirizzaw is-siti kkontaminati.

Il-proposta dwar **l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-obbligi ta' rapportar għal vetturi heavy-duty ġodda**[76]skattat żewġ opinjonijiet motivati[77]u opinjoni ta' djalogu politiku waħda[78]. Iż-żewġ kmamar Taljani argumentaw li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma ġiex irrispettat minħabba li l-miri proposti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ la kienu fattibbli u lanqas ġustifikati, kif ukoll minħabba li s-settur jipproduċi biss emissjonijiet modesti. Huma enfasizzaw il-punt li l-mira li jinkisbu emissjonijiet żero għat-trasport lokali bil-karozzi tal-linja sal-2030 kienet eċċessivament ambizzjuża u li kienu meħtieġa inċentivi tal-UE għall-investiment. Is-*Senát* Ċek argumenta li l-miri stabbiliti fl-2019 għandhom jiġu rieżaminati biss fl-2027.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni rreferiet għall-valutazzjoni tal-impatt dettaljata li takkumpanja l-proposta[79], li turi l-ħtieġa, il-valur miżjud u l-proporzjonalità tal-inizjattiva. Dwar il-livell ta' ambizzjoni u d-data tal-applikazzjoni tal-miri, il-Kummissjoni fakkret li t-trasport kien l-uniku settur ewlieni fl-ekonomija tal-UE fejn l-emissjonijiet tas-$CO_2$ kienu għadhom ogħla milli fl-1990 u li t-trasport bit-triq huwa responsabbli għal aktar minn 20 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE. Għalhekk, enfasizzat il-punt li l-vetturi heavy-duty għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE. Skont il-valutazzjoni tal-impatt, is-settur għandu potenzjal għoli għall-varar ta' vetturi b'emissjonijiet żero. L-użu ta' xarabanks b'emissjonijiet żero fil-flotta jkun gradwali u l-Istati Membri li jiffaċċjaw diffikultajiet jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jeskludu għadd limitat ta' xarabanks mill-kamp ta' applikazzjoni regolatorju. Fir-rigward tal-investimenti meħtieġa għat-tiġdid tal-flotta tat-teknoloġija tal-vetturi u l-aċċellerazzjoni tal-

---

[73] COM(2023) 416 final.
[74] L-*Eerste Kamer* u t-*Tweede Kamer* Netherlandiżi.
[75] Is-*Senát* Ċek, is-*Senato* Taljan u l-*Bundesrat* Awstrijak.
[76] COM(2023) 88 final.
[77] Il-*Camera dei Deputati* u s-*Senato della Repubblica* Taljani.
[78] Is-*Senát* Ċek.
[79] SWD(2023) 88 final.

adattament tal-industrija, il-Kummissjoni indikat għadd ta' opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE.

Taħt il-prijorità "Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea", il-proposta għal direttiva dwar il-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**[80] skattat żewġ opinjonijiet motivati[81] u sitt opinjonijiet taħt id-djalogu politiku[82]. Ir-*Riksdag* Żvediż ikkunsidra li d-direttiva proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi tipprojbixxi lil xi ħadd li ġie mħarrek għall-korruzzjoni milli joħroġ għall-elezzjoni għal kariga pubblika. Dan il-punt kien kondiviż mill-*Camera dei Deputati* Taljana, li ma qablitx mar-rekwiżit li l-Istati Membri kollha jittrattaw abbuż tal-funzjoni bħala reat kriminali. L-immunità u d-dritt għall-kandidatura fl-elezzjonijiet kienu wkoll punt ċentrali fl-opinjonijiet tad-djalogu politiku. Is-*Senato della Repubblica* Taljan u ż-żewġ kmamar Awstrijaċi enfasizzaw il-punt li r-regoli għat-tneħħija tal-immunità għandhom ikunu riżervati għall-parlamenti nazzjonali. Iż-żewġ kmamar Ċeki esprimew ukoll dubji dwar din id-dispożizzjoni, speċjalment fid-dawl tas-sussidjarjetà. B'kuntrast ma' dan, l-*Assembleia da República* Portugiża ddikjarat li d-direttiva proposta tkun konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-proposta tagħha kienet limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-prevenzjoni u l-ġlieda effiċjenti kontra l-korruzzjoni. Dwar l-introduzzjoni tar-reat ta' abbuż mill-funzjonijiet, il-Kummissjoni qieset li dan huwa għodda importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, minħabba li jkopri l-użu illegali tas-setgħa pubblika għall-gwadann personali u diġà kien reat f'25 mis-27 Stat Membru. Dwar il-projbizzjoni tal-kandidatura għall-elezzjoni, il-Kummissjoni fakkret li t-terminazzjoni jew il-projbizzjoni li wieħed jokkupa kariga pubblika (eletta jew le) tipprevjeni lil persuni kkundannati b'korruzzjoni milli jibqgħu f'ċerti pożizzjonijiet ta' poter li fihom wettqu l-azzjonijiet korrotti tagħhom. Il-Kummissjoni enfasizzat il-punt li d-direttiva proposta tkun sempliċiment tirrikjedi li l-leġiżlaturi nazzjonali jipprevedu l-possibbiltà li jimponu dawn is-sanzjonijiet addizzjonali, u li d-deċiżjoni finali tibqa' f'idejn il-qrati nazzjonali.

Taħt l-istess prijorità, il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar ir-**rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri**[83] skattat ukoll żewġ opinjonijiet motivati u sitt opinjonijiet ta' djalogu politiku. Is-*Sénat* Franċiż beża' li r-regolament propost tal-Kunsill ikun jeħtieġ ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, anke f'każijiet ta' maternità surrogata. Għalhekk oppona l-għażla ta' regolament tal-Kunsill bħala t-tip ta' strument legali. Is-*Senato della Repubblica* Taljan esprima tħassib li l-Istati Membri jkunu jistgħu jinvokaw raġunijiet ta' ordni pubbliku biex jirrifjutaw ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur biss fuq bażi ta' każ b'każ.

Il-maternità surrogata kienet ukoll is-suġġett ewlieni fl-opinjonijiet tad-djalogu politiku. Is-*Senat* Rumen talab definizzjonijiet ċari ta' "filjazzjoni", "ġenitur" u "familja"; u biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha tfal imwielda minn maternità surrogata jistgħu jiġu rikonoxxuti awtomatikament, possibbilment bi ksur tal-liġi eżistenti ta' Stat Membru. Bl-istess mod, is-*Senát* Ċek talab li l-maternità surrogata tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u li l-Istati Membri jitħallew jirrifjutaw ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur f'każijiet fejn l-element transfruntier ġie stabbilit bl-intenzjoni li tiġi evitata l-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-*Eerste Kamer* Netherlandiż għamel diversi mistoqsijiet, inkluż dwar l-għadd ta' każijiet ikkonċernati min-nuqqas ta' regoli komuni dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur u dwar fejn jista' jkun hemm soluzzjonijiet alternattivi li ma jeħtiġux rikors għal leġiżlazzjoni ġdida tal-UE. Is-*Seimas* Litwan approva l-proposta, li fil-fehma tiegħu jkollha "impatt pożittiv", u talab għal kjarifiki biex jiġi żgurat li l-klawżola tal-politika pubblika tiġi applikata fir-rispett tad-drittijiet fundamentali. L-

[80] COM(2023) 234 final.
[81] Il-*Camera dei Deputati* Taljana u r-*Riksdag* Żvediż.
[82] Il-*Poslanecká sněmovna* u s-*Senát* Ċeki, is-*Sénat* Franċiż, is-*Senato della Repubblica* Taljan, in-*Nationalrat* u l-*Bundesrat* Awstrijak, u l-*Assembleia da República* Portugiża.
[83] COM(2022) 695 final.

*Assembleia da República* Portugiża u l-*Cortes Generales* Spanjoli ddikjaraw li l-proposta kienet konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni fakkret li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-kunċett ta' ordni pubbliku jrid jiġi interpretat b'mod strett, u nnotat li l-għażla li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-istat ta' ġenitur għal raġunijiet ta' ordni pubbliku ma tistax tapplika jekk dan iwassal għal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li r-regolament propost tal-Kunsill ma jaffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw jew jipprojbixxu l-maternità surrogata fit-territorju tagħhom stess. Madankollu, skont il-proposta, ladarba l-istat ta' ġenitur ta' wild imwieled minn maternità surrogata jkun ġie stabbilit fi Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra jkollhom jirrikonoxxuh, peress li n-nuqqas ta' dan ikun inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali tat-tfal imwielda minn maternità surrogata.

Taħt il-prijorità "Ewropa lesta għall-era diġitali", il-proposta għal Regolament dwar **il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali**[84] skattat żewġ opinjonijiet motivati[85] u erba' opinjonijiet ta' djalogu politiku[86]. Fl-opinjonijiet motivati tagħhom, il-*Camera dei Deputati* Taljana u r-*Riksdag* Żvediż ma kkontestawx il-ħtieġa jew il-valur miżjud tal-azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet tad-direttiva attwali, iżda kienu mħassba li l-istrument legali propost kien regolament. Huma beżgħu li r-restrizzjoni tal-azzjoni tal-Istat Membru (billi jiġi stabbilit perjodu massimu ta' ħlas ta' 30 jum u rata tal-imgħax fissa għall-imgħax ta' inadempjenza, u billi tiġi eskluża l-għażla għal kreditur li jirrinunzja d-dritt għall-imgħax u għall-kumpens għal ħlas tard) tirrestrinġi l-libertà kuntrattwali għall-impriżi. L-istess tħassib ġie inkluż ukoll fl-erba' opinjonijiet ta' djalogu politiku. Barra minn hekk, il-Parlament Irlandiżi kkritikaw in-nuqqas ta' distinzjoni bejn pagamenti tard u termini twal ta' pagament u opponew il-korp propost biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni dwar il-pagamenti tard. Is-*Senat* Rumen ra impatt negattiv potenzjali fuq in-negozji b'mod partikolari u fuq l-ekonomija b'mod ġenerali.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-ġlieda kontra l-pagamenti tard u twal b'mod inġust hija meħtieġa sabiex tiġi protetta r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista u tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs. Enfasizzat il-punt li l-valutazzjoni tal-impatt tagħha kienet uriet li l-limitu massimu għal pagament fi 30 jum propost kien għażla aktar kosteffettiva tal-promozzjoni ta' kultura ta' pagament fil-pront minn termini ta' pagament itwal. Din kienet ukoll l-għażla l-aktar favorita mill-partijiet ikkonċernati u l-SMEs fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u rrakkomandata mill-Parlament Ewropew u mill-pjattaforma "Fit for Future". Il-Kummissjoni spjegat li ma għamlitx distinzjoni bejn pagamenti tard u termini twal ta' pagament, minħabba li d-dewmien fil-pagamenti seħħ ukoll meta ġew imposti termini twal ta' pagament fuq il-kredituri. Regolament kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli aktar stretti u aktar simplifikati li jistgħu jiġu applikati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Il-valutazzjoni tal-impatt kienet identifikat in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli u l-infurzar tagħhom bħala waħda mid-dgħufijiet ewlenin tad-direttiva attwali. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet ipproponiet li tistabbilixxi awtoritajiet ta' infurzar obbligatorji, filwaqt li tħalli flessibbiltà wiesgħa lill-Istati Membri biex jaħtru awtoritajiet eżistenti jew joħolqu oħrajn ġodda. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll il-benefiċċji ekonomiċi ta' kultura ta' pagament aħjar li żżid u ssaħħaħ il-fiduċja fl-ambjent tan-negozju tal-UE.

[84] COM(2023) 533 final.

[85] Il-*Camera dei Deputati* Taljana u r-*Riksdag* Żvediż.

[86] Il-*Houses of the Oireachtas* Irlandiżi, is-*Senato della Repubblica* Taljan, L-*Assembleia da República* Portuġiża u s-*Senat* Rumen. Matul l-ewwel 4 xhur tal-2024, il-Kummissjoni rċeviet erba' opinjonijiet addizzjonali ta' djalogu politiku (mis-*Senát* u l-*Poslanecká sněmovna* Ċeki, is-*Sénat* Franċiż u l-*Kamra tad-Deputati* Maltija) li fil-biċċa l-kbira tennew l-argumenti fl-opinjonijiet li waslu fl-2023.

## 4. Djalogu politiku bil-miktub mal-Parlamenti nazzjonali

Minbarra l-mekkaniżmu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà stabbilit mill-Protokoll Nru 2, ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali jkopru wkoll attivitajiet oħra u b'mod partikolari d-djalogu politiku stabbilit fl-2006. Dan jinkludi skambji bil-miktub dwar kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni li fiha l-Parlamenti nazzjonali jridu jagħtu kontribut, jew dwar kwalunkwe suġġett li jixtiequ jqajmu fuq inizjattiva tagħhom stess. Jinkludi wkoll id-djalogu politiku orali (deskritt fil-Kapitolu 5).

### 4.1 Osservazzjonijiet ġenerali

Fl-2023, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu total ta' **402 opinjoni** lill-Kummissjoni. Din kienet l-ewwel darba mill-2008 li l-Kummissjoni rċeviet aktar opinjonijiet matul l-aħħar sena sħiħa tal-mandat tagħha milli matul is-sena preċedenti. Kif diġà ssemma f'dan ir-rapport annwali, dan ma kienx tas-soltu u mar kontra t-tendenza enfasizzata fir-rapport annwali għall-2022 li l-għadd ta' opinjonijiet tal-Parlament nazzjonali ġeneralment jilħaq l-ogħla livell f'nofs il-mandat ta' kull Kummissjoni[87]. Madankollu, kif diġà ġie indikat fir-rapport annwali għall-2022, l-għadd globali ta' opinjonijiet riċevuti matul il-Kummissjoni ta' von der Leyen għadu ferm aktar baxx mill-għadd li waslu matul il-Kummissjonijiet ta' Barroso II u ta' Juncker.




[87] Il-*Cortes Generales* Spanjoli, li kklassifikaw jew fl-ewwel jew fit-tieni post fl-aħħar 3 snin fid-djalogu politiku mal-Kummissjoni, ħarġu opinjonijiet biss matul l-ewwel 4 xhur tal-2023 minħabba l-elezzjonijiet parlamentari fi Spanja.

282 (70 %) minn dawn l-402 opinjoni kienu relatati ma' proposti leġiżlattivi li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà[88]. Il-120 opinjoni l-oħra (30 %) kienu jikkonċernaw prinċipalment inizjattivi mhux leġiżlattivi (eż. komunikazzjonijiet) jew kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li ma kinux relatati direttament ma' inizjattiva tal-Kummissjoni. Dan il-perċentwal tal-aħħar huwa l-aktar baxx matul il-mandat attwali. Dan juri li l-Parlamenti nazzjonali ffukaw l-analiżi tagħhom tal-inizjattivi tal-Kummissjoni fl-2023 saħansitra aktar milli fis-snin preċedenti fuq abbozzi ta' atti leġiżlattivi soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà (u b'hekk eskludew proposti f'oqsma ta' politika fejn l-UE għandha kompetenzi esklużivi, bħall-kummerċ jew il-kompetizzjoni). Jissuġġerixxi wkoll li t-tnaqqis fl-għadd ta' opinjonijiet motivati matul dawn l-aħħar snin ma kienx dovut għal skrutinju inqas intensiv tal-proposti tal-Kummissjoni. Din is-suppożizzjoni hija sostnuta wkoll mill-għadd kbir ta' opinjonijiet li waslu fil-kuntest tad-djalogu politiku li jikkonfermaw ukoll b'mod espliċitu l-konformità tal-proposti rispettivi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Fi ħdan il-Kummissjoni, il-punti mqajma mill-parlamenti nazzjonali jew mill-kmamar jinġiebu speċifikament għall-attenzjoni tal-Membri rilevanti tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti tal-Kummissjoni u, għal proposti leġiżlattivi, tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem fin-negozjati bejn il-koleġiżlaturi.

## 4.2 Parteċipazzjoni u kamp ta' applikazzjoni

Bħal fi snin preċedenti, l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni varja b'mod sinifikanti bejn il-Parlamenti nazzjonali. L-għadd ta' Parlamenti nazzjonali jew kmamar li ma ħarġu l-ebda opinjoni żdied bi ftit[89] minn 7 għal 9 kmamar[90] minn 39 (ara l-Anness 2). Dan ifisser li fl-2023 il-parlamenti ta' sitt Stati Membri[91] (2022: ħamsa) ma involvewx ruħhom fid-djalogu politiku bil-miktub fil-forma ta' trażmissjoni ta' opinjonijiet adottati formalment. Madankollu, ta' min isemmi li s-sitta li ma ħarġux opinjoni kienu jinkludu, pereżempju, ir-*Riigikogu* Estonjan, li uża ittri diretti biex jikkomunika mal-Kummissjoni, u d-*Državni svet* Sloven, li organizza żjarat tal-membri tal-parlament tiegħu lill-Kummissjoni.

88 Għal aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u d-djalogu politiku, ara https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/adopting-eu-law/relations-national-parliaments_mt. Il-proposti leġiżlattivi li jikkonċernaw oqsma ta' politika li fihom l-UE għandha kompetenza esklużiva mhumiex soġġetti għal skrutinju tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali.

89 2022: 7; 2021: 8; 2020: 12; 2019: 17; 2018:10.

90 Ara l-Anness 3.

91 Il-parlamenti nazzjonali fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Estonja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja.




L-**aktar 10 kmamar attivi ħarġu 320 opinjoni (80 % tat-total).** Dan kien konformi mal-medja għal dawn l-aħħar snin[92]. Fl-2023, dawn il-kmamar kienu: is-*Senát* Ċek u l-*Assembleia da República* Portugiża (41 opinjoni kull waħda), il-*Poslanecká sněmovna* Ċeka u l-*Camera dei Deputati* Taljana (36 opinjoni kull waħda), il-*Bundesrat* Ġermaniż u l-*Camera Deputaților* Rumena (35 opinjoni kull waħda), is-*Senat* Rumen (29 opinjoni), is-*Senato della Repubblica* Taljan (26 opinjoni), il-*Cortes Generales* Spanjoli (24 opinjoni) u s-*Sénat* Franċiż (17-il opinjoni). Dawn kienu wkoll fost l-aktar kmamar attivi f'dawn l-aħħar snin. L-Anness 2 jagħti dettalji dwar l-għadd ta' opinjonijiet mibgħuta minn kull kamra.

In-natura tal-opinjonijiet varjat ukoll minn Parlament nazzjonali jew minn kamra għal oħra. Xi wħud iffukaw l-aktar fuq il-verifika ta' jekk proposta tal-Kummissjoni tikkonformax mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Oħrajn ikkummentaw f'aktar dettall dwar il-kontenut tal-proposti jew bagħtu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja li ma rreferewx għal proposta konkreta tal-Kummissjoni. Suġġetti rikorrenti tal-25 opinjoni fuq inizjattiva proprja kienu jinkludu mhux biss it-trasferiment furzat ta' ċivili Ukreni – inklużi t-tfal – lejn ir-Russja, kif ukoll l-Istrixxa ta' Gaża u l-kunflitt Iżraeljan-Palestinjan, iżda wkoll kwistjonijiet ta' politika speċifiċi bħall-enerġija nukleari, l-abort, u r-relazzjonijiet esterni.

Ta' min jenfasizza li diversi tipi ġodda ta' sottomissjonijiet tal-Parlament nazzjonali waslu fl-2023. Pereżempju, żewġ kmamar rreaġixxew għad-diskussjoni tal-proposti leġiżlattivi jew permezz ta' opinjoni sottomessa matul in-negozjati tat-trilogu (is-*Sénat* Franċiż dwar il-proposta għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) jew permezz ta' opinjonijiet konsekuttivi differenti mill-istess parlament maħruġa fi stadji differenti tal-proċess leġiżlattiv (l-erba' opinjonijiet tal-*Bundesrat* Ġermaniż dwar il-proposta għall-Att tal-UE dwar il-Libertà tal-Media). 14-il Parlament nazzjonali indirizzaw dikjarazzjoni konġunta lill-istituzzjonijiet tal-UE fid-dawl ta' trilogu, fejn talbuhom jiżguraw li r-riskju tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni jiġi indirizzat b'mod xieraq matul in-negozjati tat-trilogu dwar ir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-*Eduskunta* Finlandiża ssottomettiet opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar diversi abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati ma' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb – l-ewwel każ ta' sottomissjoni dwar abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni.

92 2022: 79 %; 2021: 79 %; 2020: 85 %; 2019: 73 %; 2018: 83 %; 2017: 74 %; 2016: 73 %.

### 4.3 SUĠĠETTI EWLENIN TAL-OPINJONIJIET FID-DJALOGU POLITIKU

F'termini ta' inizjattivi uniċi l-aktar ikkummentati, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu l-aktar opinjonijiet dwar il-**programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023**, il-proposta dwar **l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ***[93] u l-proposta dwar il-**pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom*** (disa' opinjonijiet kull wieħed); il-proposta dwar **il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur*** u l-proposta dwar **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni*** (tmien opinjonijiet kull wieħed); il-proposta dwar **il-kwalità tal-arja ambjentali u arja aktar nadifa għall-Ewropa** u l-proposta li tistabbilixxi **qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju** (seba' opinjonijiet kull wieħed); il-proposta għal **Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**, il-proposta dwar **it-trattament tal-ilma urban mormi**, il-proposta dwar il-**kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**, il-proposta dwar il-**prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**, il-proposta dwar ir-**rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji** tal-Istati Membri, il-proposta għal **Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija*** u l-proposta dwar **il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali*** (sitt opinjonijiet kull wieħed).

Bħal fis-snin preċedenti, għadd dejjem jikber ta' Parlamenti nazzjonali[94] analizzaw il-**programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023**[95], li fl-2023 wassal għal disa' opinjonijiet (minbarra opinjoni waħda diġà skattata fl-2022). Dan għamilha d-dokument tal-Kummissjoni li rċieva l-aktar opinjonijiet fil-qafas tad-djalogu politiku. Dan fisser ukoll li l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 skatta l-ogħla għadd ta' opinjonijiet maħruġa dwar kwalunkwe programm ta' ħidma tal-Kummissjoni sa dak iż-żmien. L-għadd ta' opinjonijiet kien ogħla b'mod sinifikanti mis-sitta għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022 (ħames opinjonijiet waslu fl-2022 u 1 fl-2021). Huwa rrappurtat ukoll li l-iskrutinju mingħajr ma tinħareġ opinjoni huwa għoli[96]. Kollox ma' kollox, dan juri ż-żieda fl-użu strateġiku li l-Parlamenti nazzjonali għamlu mill-istrument speċifiku ta' opinjonijiet rigward il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni sabiex jenfasizzaw l-appoġġ tagħhom għall-prijoritajiet u l-inizjattivi tal-Kummissjoni li kienu tħabbru, relatati mal-prijoritajiet politiċi nazzjonali tagħhom stess; u biex jindikaw il-partikolaritajiet nazzjonali li huma kienu jemmnu li għandhom jiġu kkunsidrati.

Fl-opinjonijiet tagħhom dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023, il-Parlamenti nazzjonali rreferew għall-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ħeġġew lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ u esprimew appoġġ għat-tkabbir tal-UE. Tliet kmamar appellaw għal riforma tas-suq tal-elettriku. Meta jitqiesu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024, ħames kmamar ssottolinjaw l-importanza tal-"Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija" tal-Kummissjoni, inkluża l-inizjattiva biex tiġi protetta l-isfera demokratika tal-UE minn influwenza barranija moħbija. L-*Országgyűlés* Ungeriżi kkritikaw l-Att

---

[93] L-Anness 3 jelenka l-inizjattivi tal-Kummissjoni li skattaw mill-inqas ħames opinjonijiet. Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitt oqsma ta' prijorità ewlenin tal-Kummissjoni fejn waslu mill-inqas sitt opinjonijiet. L-opinjonijiet li jkopru l-proposti mmarkati b'asterisk (*) ma ġewx inklużi f'din it-taqsima minħabba li skattaw ukoll mill-inqas żewġ opinjonijiet motivati u għalhekk diġà huma koperti fit-Taqsima 3.2 ta' dan ir-rapport.

[94] Is-*Sénat* Franċiż, il-*Hrvatski Sabor* Kroat, is-*Seimas* Litwan, iċ-*Chambre des deputes* Lussemburgiż, l-*Országgyűlés* Ungeriż, it-*Tweede Kamer* u l-*Eerste Kamer* Netherlandiżi, l-*Assembleia da República* Portugiża u s-*Senat* Rumen bagħtu opinjonijiet fl-2023. Ir-*Riksdag* Żvediż bagħat opinjoni fi tmiem l-2022. Kien hemm sitt opinjonijiet ta' dan it-tip dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022.

[95] COM(2022) 548 final.

[96] Skont il-41 Rapport Biannwali dwar "L-Iżviluppi fil-Proċeduri u l-Prattiki tal-Unjoni Ewropea Rilevanti għall-Iskrutinju Parlamentari" imħejji f'Marzu 2024 mis-Segretarjat tal-COSAC, 8 biss mill-34 parlament/kamra nazzjonali li wieġbu għall-mistoqsijiet dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni (kollha ħlief is-*Sénat*/*Senaat* Belġjan u l-*Bundestag* Ġermaniż; il-parlamenti nazzjonali bikamerali tal-Irlanda, ta' Spanja u tal-Awstrija ssottomettew sett wieħed ta' tweġibiet għall-kwestjonarju) iddikjaraw li ma kinux skrutinizzaw dan id-dokument. Ir-rapport huwa disponibbli fuq https://ipexl.europarl.europa.eu/IPEXL-WEB/conferences/cosac/event/8a8629a88c42a971018c43c0bdee000a.

Ewropew dwar il-Libertà tal-Media għal dak li huma jqisu bħala l-limitazzjoni fundamentali tiegħu tal-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-media. Tliet kmamar indikaw l-importanza ta' rieżami tal-governanza ekonomika, u tnejn minnhom enfasizzaw ukoll l-importanza tat-tisħiħ tal-euro (inkluż fil-forma diġitali tagħha). Erba' kmamar issottolinjaw l-importanza li jissaħħu s-sigurtà u d-difiża f'forom differenti (inkluża d-difiża spazjali; it-tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE u azzjoni effettiva kontra l-flussi ta' migrazzjoni illegali u n-networks tat-traffikar tal-bnedmin; u l-istrateġija marittima). Il-kmamar kollha rrikonoxxew l-importanza li jinstab qafas aktar xieraq għall-migrazzjoni. Is-*Sénat* Franċiż appella għal programmi ta' ħidma aktar trasparenti u komprensivi u biex il-Kummissjoni tappoġġja b'mod sistematiku l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha b'valutazzjonijiet tal-impatt[97].

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 kellu l-għan li jkompli jappoġġja l-irkupru tal-UE mill-pandemija tal-COVID-19; u biex twieġeb għall-ħtiġijiet urġenti mqajma mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżijiet tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja li jirriżultaw minnha. Il-kriżijiet reċenti wrew ukoll il-ħtieġa li jitħaffu t-twettiq tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tlestija tat-tranżizzjoni diġitali. Il-ħafna inizjattivi relatati tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 juru l-impenn ċar tal-Kummissjoni li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-Kummissjoni semmiet il-prijoritizzazzjoni tagħha ta' Ewropa ekoloġika, mingħajr karbonju u diġitali b'bażi ekonomika b'saħħitha bbażata fuq is-suq uniku. Il-Kummissjoni indikat li l-attakki ta' diżinformazzjoni fuq l-isferi demokratiċi u tal-media tal-UE kienu ta' tħassib dejjem akbar, b'mod partikolari f'dawn l-aħħar snin u fil-kuntest tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Il-Kummissjoni kienet ħadet azzjoni deċiżiva skont il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea biex tippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti, tissalvagwardja l-pluraliżmu tal-media, u tiġġieled kontra d-diżinformazzjoni.

Taħt il-prijorità "Patt Ekoloġiku Ewropew", diversi proposti ġibdu l-attenzjoni konsiderevoli mill-Parlamenti nazzjonali mingħajr ma skattaw l-ebda opinjoni motivata: il-proposta għal **Regolament dwar l-assorbimenti tal-karbonju**, il-proposta għal **Direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa** u l-proposta għal **Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi**.

Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-**assorbimenti tal-karbonju**[98] skattat seba' opinjonijiet[99]. Diversi kmamar esprimew dubji dwar il-kompatibbiltà tal-qafas tal-UE ma' skemi nazzjonali u raw il-ħtieġa għal kjarifiki dwar il-governanza u l-finanzjament ta' oqfsa ta' ċertifikazzjoni u dwar l-istabbiliment ta' reġistru tal-UE dwar l-attivitajiet ta' assorbiment tal-karbonju. Xi wħud kienu mħassba dwar il-piż amministrattiv tal-istabbiliment ta' dan il-qafas il-ġdid u qajmu dubji dwar id-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni indikat li skont ir-regolament propost tagħha, l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, japplikaw għar-rikonoxximent tal-UE ta' kwalunkwe skema ta' ċertifikazzjoni nazzjonali eżistenti; li l-proposta tagħha kienet tinkludi dispożizzjonijiet biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni; u li l-operaturi jkunu jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tal-monitoraġġ u tar-rapportar billi jużaw il-metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni adottati mill-Kummissjoni u billi jużaw teknoloġiji ta' telerilevament (eż. Copernicus). Il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-kriterji tal-kwalità tal-UE jeħtieġ li jiġu implimentati permezz ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni teknika li huma mfassla għall-firxa wiesgħa ta' attivitajiet eżistenti ta' assorbiment

97 Anke fil-każijiet rari meta valutazzjoni tal-impatt ma tiġix ippreżentata ma' proposta (għalkemm kienet meħtieġa fil-prinċipju, iżda ma kinitx possibbli fil-prattika u ngħatat deroga, pereżempju minħabba l-urġenza tagħha), il-Kummissjoni xorta tippreżenta "dokument analitiku fil-forma ta' dokument ta' ħidma tal-persunal li jippreżenta l-evidenza wara l-proposta u l-istimi tal-kostijiet" fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tal-inizjattiva, skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar (SWD(2021) 305 final).

98 COM(2022) 672 final.

99 Il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-*Cortes Generales* Spanjoli, il-*Camera dei Deputati* Taljana, is-*Seimas* Litwan, l-*Eerste Kamer* Netherlandiż, l-*Assembleia da República* Portugiża u s-*Senat* Rumen.

tal-karbonju. Dan ikun jeħtieġ ħidma teknika estensiva u konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati u l-aħjar li jitwettaq permezz ta' atti delegati.

Il-proposta għal **Direttiva dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa** (riformulazzjoni)[100] skattat seba' opinjonijiet ta' djalogu politiku[101]. Diversi kmamar qiesu li objettiv għal tniġġis tal-arja żero jkun diffiċli li jintlaħaq u li l-miri stabbiliti fil-proposta kienu ambizzjużi wisq jew kellhom implikazzjonijiet baġitarji li kienu estensivi wisq. Kamra waħda rat nuqqas ta' attenzjoni fl-indirizzar tat-tniġġis transkonfinali tal-arja kkawżat mill-pajjiżi ġirien. Kamra waħda enfasizzat il-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' responsabbiltà konġunta li jinvolvi kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Membri (bħal fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima) u insistiet fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata interazzjoni xierqa bejn il-pilastri tal-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet (inklużi l-valuri ta' limitu proposti għall-2030 u l-istandard tal-emissjonijiet tal-Euro 7). Kamra waħda pproponiet li tinkludi standards tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u regoli għall-emissjonijiet bir-riħa fid-direttiva. Żewġ kmamar qiesu li d-dritt għal kumpens għal dannu għas-saħħa kien wiesa' wisq, minħabba li kien jinkludi wkoll possibbiltà ta' azzjoni kollettiva biex jintalab kumpens għal dannu għas-saħħa bħala riżultat ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-kwalità tal-arja u ma kien hemm l-ebda limitu ta' żmien għal talbiet.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li kellha l-għan li tistabbilixxi perkors kredibbli biex jintlaħaq objettiv ta' tniġġis żero għat-tniġġis tal-arja sal-2050 billi tistabbilixxi miri tal-kwalità tal-arja li kienu ambizzjużi iżda li jistgħu jintlaħqu. Id-direttiva proposta ma setgħetx titqabbel mal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, minħabba li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom l-istess effett irrispettivament minn fejn ġew emessi, iżda l-impatti fuq il-kwalità tal-arja jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi u l-miżuri lokali. Fir-rigward tal-kwistjonijiet transkonfinali, id-direttiva proposta ssaħħaħ l-arranġamenti għall-kooperazzjoni u l-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi indirizzat il-ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja minħabba t-tniġġis transkonfinali tal-arja. Il-Kummissjoni qablet li l-kuntest tal-politika kien żviluppa aktar mill-adozzjoni tal-proposta, parzjalment minħabba l-adozzjoni tal-proposta tal-Euro 7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dan meta jiżviluppaw strateġija dwar il-kwalità tal-arja u pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja. Il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u l-emissjonijiet bir-riħa kienu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva proposta. Il-Kummissjoni ssottolinjat li l-proposta kellha l-għan li tistabbilixxi dritt effettiv għan-nies li jitolbu u jiksbu kumpens għal dannu għas-saħħa tal-bniedem, inkluża l-possibbiltà ta' azzjoni kollettiva.

Il-proposta għal riformulazzjoni tad-**Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi**[102] skatat sitt opinjonijiet[103]. Il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet laqgħu l-proposta, iżda xi kmamar qiesu li ftit li xejn kien fattibbli li tinkiseb in-newtralità enerġetika ta' dan is-settur sal-2040 minħabba d-domandi dejjem akbar fuq it-trattament tal-ilma urban mormi relatati mal-espansjoni tat-tagħmir teknoloġiku u minħabba l-ħtieġa ta' livelli għoljin ta' investiment. Ġew espressi fehmiet differenti rigward l-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur proposta: żewġ kmamar appoġġjawha b'mod espliċitu u waħda ssuġġeriet li tiġi estiża għal setturi oħra. Kamra oħra argumentat li ma kienx possibbli li jiġi evitat kompletament l-esponiment tal-ilma mormi għal residwi tossiċi għall-prodotti farmaċewtiċi kollha u li kellha titqies il-kompetittività u l-innovazzjoni tal-industrija farmaċewtika tal-UE. Kamra waħda indikat li l-estensjoni proposta tal-kompiti ta' monitoraġġ u l-għoti ta' informazzjoni jżidu b'mod konsiderevoli l-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet u l-operaturi. Żewġ kmamar oġġezzjonaw għal dak li huma qiesu bħala rikors eċċessiv għal atti delegati.

---

100 COM(2022) 542 final.

101 Is-*Senát* Ċek u *Poslanecká sněmovna*, il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-*Cortes Generales* Spanjoli, is-*Senato della Repubblica* Taljan, l-*Assembleia da República* Portugiż u s-*Senat* Rumen.

102 COM(2022) 541 final.

103 Is-*Senát* u l-*Poslanecká sněmovna* Ċeki, il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-*Cortes Generales* Spanjoli, is-*Senato della Repubblica* Taljan u l-*Bundesrat* Awstrijak.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni insistiet li l-kisba tan-newtralità enerġetika tat-trattament tal-ilma mormi urban hija fattibbli, anke biż-żieda fir-rekwiżiti ta' trattament inklużi fil-proposta. L-investiment inizjali biex jintlaħqu l-objettivi l-ġodda jsir bejn l-2030 u l-2040. Dan jagħmel is-settur tal-ilma mormi aktar reżiljenti għall-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u jikkontribwixxi għall-indipendenza enerġetika tal-UE. Fir-rigward tal-estensjoni proposta tal-iskema ta' responsabbiltà tal-produttur, il-Kummissjoni rreferiet għall-valutazzjoni tal-impatt tagħha, li wriet li l-impatt ekonomiku fuq is-settur farmaċewtiku jkun marġinali u newtrali għall-kompetittività ġenerali tal-industrija tal-UE, minħabba li l-importaturi u l-produtturi tal-UE jkunu affettwati bl-istess mod. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ u informazzjoni, il-Kummissjoni żgurat li kienet fasslet il-proposta b'tali mod li timminimizza l-piż li jirriżulta miż-żieda fir-rekwiżiti ta' rapportar.

Taħt il-prijorità "<u>Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea</u>", il-proposta għal **Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**[104] fl-2023 skattat 6 opinjonijiet[105] minbarra 12-il opinjoni li diġà waslu fl-2022[106]. Il-Parlamenti nazzjonali komplew iqajmu dubji dwar l-interferenza mal-kompetenzi nazzjonali fil-qasam tal-pluraliżmu tal-media, id-dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-media u l-indipendenza tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media. Diversi kmamar appellaw għal aktar tisħiħ tar-regoli għall-protezzjoni tal-ġurnalisti, inkluż għall-protezzjoni kontra proċedimenti ġudizzjarji abbużivi. Diversi kmamar appellaw ukoll għat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-pjattaformi online kbar, li jobbligawhom jippubblikaw ir-raġunijiet għat-tneħħija tal-kontenut. Kamra waħda appellat għall-projbizzjoni li l-kontenut imqiegħed online jiġi mblukkat mingħajr verifika minn qabel minn bniedem. Kamra waħda, il-*Bundesrat* Ġermaniż, bagħtet erba' opinjonijiet dwar din il-proposta matul iċ-ċiklu leġiżlattiv (l-aħħar tnejn fl-2023). It-tielet opinjoni tagħha esprimiet tħassib dwar l-interferenza fil-kompetenzi nazzjonali u l-iffukar fuq il-bidu tan-negozjati tat-trilogu. Ir-raba' opinjoni tagħha tenniet l-argumenti ewlenin tagħha għall-istadju finali tan-negozjati tat-trilogu.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li hija rrikonoxxiet u żammet bis-sħiħ fil-proposta l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-pluraliżmu tal-media; u li l-att propost ma jbiddilx il-kapaċità tal-Istati Membri li jiddefinixxu f'termini konkreti l-mandat, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tax-xandir tas-servizz pubbliku. Il-Kummissjoni tenniet l-impenn tagħha li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ġurnalisti permezz tal-att propost u l-proposta għal direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament infondati jew abbużivi. Fir-rigward tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media, enfasizza li l-indipendenza tal-Bord kienet żgurata mill-fatt li kien magħmul minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali indipendenti tal-media u msaħħaħ aktar bit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, li jirrikjedi maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tas-suq tal-media, il-Kummissjoni indikat l-approċċ ta' armonizzazzjoni minima tagħha, li ħalla marġni kbir ta' diskrezzjoni għall-Istati Membri biex iqisu t-tradizzjonijiet regolatorji tagħhom u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq tal-media nazzjonali tagħhom. Fir-rigward tal-pjattaformi online kbar, il-Kummissjoni fakkret li l-pjattaformi online kbar ħafna kienu obbligati jippubblikaw ir-raġunijiet għas-sospensjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-kontenut.

Taħt il-prijorità "<u>Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna</u>", ir-reviżjoni **tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika bażika tal-UE** skattat interess konsiderevoli min-naħa tal-Parlamenti nazzjonali. Il-proposta għal **kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**[107] u l-proposta dwar l-istabbiliment ta' proċeduri tal-UE għall-**awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem** u li jistabbilixxi **regoli li jirregolaw l-Aġenzija**

[104] COM(2022) 457 final.
[105] Il-*Bundesrat* Ġermaniż (żewġ opinjonijiet fl-2023), l-*Assemblée nationale* Franċiża, is-*Senato della Repubblica* u l-*Camera dei Deputati* Taljani, u l-*Eerste Kamer* Netherlandiża.
[106] Ara r-rapport annwali għall-2022: COM(2023) 640 final.
[107] COM(2023) 192 final.

**Ewropea għall-Mediċini**[108] skattaw 6 opinjonijiet kull wieħed[109]. Xi kmamar indirizzaw ukoll iż-żewġ dokumenti l-oħra inklużi fil-pakkett: il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjaha[110] u proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar **il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi**[111]. Xi wħud mit-tħassib li l-Parlamenti nazzjonali qajmu fl-opinjonijiet tagħhom kienu relatati ma' allegat ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità; it-tnaqqis tad-durata standard tal-esklużività tas-suq għall-mediċini orfni; il-modifika tad-dispożizzjoni Bolar li tikkonċerna eżenzjonijiet għad-drittijiet mogħtija mill-privattivi; is-siti deċentralizzati tal-manifattura tal-prodotti mediċinali; u l-użu ta' vawċers.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni argumentat li l-proposti ma marrux lil hinn minn dak li kien meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tar-reviżjoni. Irrikonoxxiet it-tnaqqis b'sena tat-tul ta' żmien standard tal-esklussività tas-suq għall-mediċini orfni iżda spjegat li għal ċerti mediċini orfni t-tul ta' żmien jiġi estiż bi tliet snin sabiex tingħata spinta lir-riċerka u l-iżvilupp. Spjegat ukoll li l-modifika proposta tad-dispożizzjoni Bolar kienet li tiffaċilita d-dħul fis-suq ta' mediċini ġeneriċi immedjatament wara l-iskadenza tal-perjodi ta' protezzjoni regolatorja. Il-Kummissjoni għamlitha ċara li, anki jekk ċerti siti ta' manifattura kellhom jiġu deċentralizzati, is-sit ċentrali tal-manifattura xorta jkun responsabbli għas-superviżjoni tal-aspetti kollha tas-siti deċentralizzati u li għalhekk il-proposta ma tnaqqasx il-livelli ta' kontroll u ta' superviżjoni. Spjegat ukoll li r-regoli jirregolaw il-vawċers trasferibbli għall-esklużività tad-*data* għall-manifatturi li jiżviluppaw antimikrobiċi ġodda.

Taħt il-prijorità "Ekonomija għas-servizz tan-nies", **il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi għar-riforma tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-UE**[112] rċieva attenzjoni konsiderevoli mill-Parlamenti nazzjonali u skatta sitt opinjonijiet[113]. Diversi kmamar indikaw il-ħtieġa li jiġu kkalibrati l-parametri meħtieġa tad-dejn u tat-tnaqqis tad-defiċit sabiex ikunu adattati għaċ-ċirkostanzi tal-Istati Membri differenti li applikaw għalihom. Kamra waħda indikat in-nuqqas ta' kriterju għall-eżenzjoni tal-investiment pubbliku (speċjalment l-investiment fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali) mill-kalkolu tad-defiċit annwali. Kamra oħra opponiet l-introduzzjoni ta' standards tal-kontabbiltà tas-settur pubbliku tal-UE li, fil-fehma tagħha, ma kinux se jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tas-sorveljanza baġitarja. Kamra minnhom indikat li l-pjanijiet baġitarji li jkopru sa 17-il sena (inkluż perjodu ta' aġġustament ta' bejn 4 u 7 snin) ikunu inkompatibbli mal-frekwenza tal-elezzjonijiet nazzjonali. Kamra waħda rrakkomandat li tiġi ċċarata u limitata l-kapaċità tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati maħsuba biex jiżguraw il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat l-objettiv tal-pakkett li tiżdied is-sjieda nazzjonali, li tista' tiġi moqdija minn involviment aktar intensiv tal-Parlamenti nazzjonali fis-sorveljanza ekonomika u baġitarja. Irrikonoxxiet li s-sitwazzjonijiet fiskali, l-isfidi u l-prospetti ekonomiċi tal-Istati Membri jvarjaw ħafna, iżda ddikjarat li l-qafas rivedut propost se jqis aktar id-differenzi bejn il-pajjiżi u l-isfidi speċifiċi tad-dejn pubbliku tagħhom. B'dawn il-proposti, il-Kummissjoni kienet qed tfittex li timxi lejn qafas ta' sorveljanza aktar ibbażat fuq ir-riskju li jkollu s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku fil-qalba tiegħu, filwaqt li tippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz ta' investiment u riformi. Fir-rigward tal-istandards tal-kontabbiltà tas-settur pubbliku tal-UE, il-Kummissjoni ddikjarat li l-pakkett propost ma jippreskrivi l-ebda standard speċifiku tal-kontabilità bbażat fuq id-dovuti u minflok iħalli dan għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Id-direttiva proposta dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji ma tinterferixxix mal-prinċipju tal-awtonomija baġitarja.

---

[108] COM(2023) 193 final.

[109] Il-*Poslanecká sněmovna* u s-*Senát* Ċeki, kemm is-*Senato della Repubblica* kif ukoll il-*Camera dei Deputati* Taljani, is-*Senat* Rumen u l-*Bundesrat* Ġermaniż.

[110] COM(2023) 190 final.

[111] COM(2023) 191 final.

[112] COM(2023) 240 final, COM(2023) 241 final u COM(2023) 242 final.

[113] Is-*Senát* Ċek, il-*Bundesrat* Ġermaniż, il-Parlament Irlandiż, is-*Sénat* Franċiż, u s-*Senato della Repubblica* u l-*Camera dei Deputati* Taljani.

Fir-rigward tal-perjodu ta' żmien tal-pjanijiet nazzjonali, il-Kummissjoni għamlitha ċara li dawn jistgħu jkopru perjodu ta' 4 jew 5 snin, skont iċ-ċikli elettorali tal-Istati Membri, u li gvern ġdid jista' jipproponi pjan ġdid meta jieħu l-kariga.

## 5. Kuntatti, Żjarat, Laqgħat, Konferenzi u Attivitajiet Oħra

### 5.1 Żjarat tal-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom

Id-djalogu politiku orali bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali jinvolvi diversi forom ta' interazzjoni: żjarat minn Membri tal-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali u ta' delegazzjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali lill-Kummissjoni; Il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-laqgħat u l-konferenzi interparlamentari (tal-kumitati) (inkluża l-COSAC); Preżentazzjonijiet tal-Kummissjoni lir-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell; id-dibattiti li għaddejjin dwar il-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni; u d-djalogi tas-Semestru Ewropew.

Fl-2023, il-Membri tal-Kummissjoni pparteċipaw f'127 żjara lill-Parlamenti nazzjonali u laqgħat mad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali, li jkopru kważi l-Parlamenti u l-kmamar nazzjonali kollha. Dan huwa inqas mis-sentejn preċedenti iżda ogħla mill-medja għal dawn l-aħħar 4 snin (143 żjara fl-2022, 130 fl-2021,101 fl-2020 u 55 fl-2019; minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fl-2020 u fl-2021 ġew organizzati inqas laqgħat u kellhom isiru l-aktar f'format virtwali). Il-Kummissjoni rċeviet ukoll sitt żjarat minn gruppi ta' persunal minn diversi Parlamenti nazzjonali, li mhumiex riflessi fil-mappa ta' hawn taħt.

**Numru ta' żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali u ta' laqgħat magħhom mill-Membri tal-Kummissjoni fl-2023** (total għall-Istati Membri kollha: 127)



## 5.2 Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Il-laqgħat u l-konferenzi interparlamentari[114] fl-2023 kienu ġeneralment ikkaratterizzati minn enfasi fuq il-gwerra kontinwa fl-Ukrajna. Suġġetti rikorrenti kienu d-demokrazija, il-provvista tal-enerġija u t-tkabbir. Il-membri tal-Kummissjoni pparteċipaw fi:

- il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC, Conference of Parliamentary Committees for Union Affairs of parliaments of the European Union)[115];
- il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea[116];
- il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol[117];
- diversi konferenzi interparlamentari (IPCs)[118] u laqgħat tal-kumitati (ICMs)[119].

L-2023 rat ritorn sħiħ għall-prattiki ta' qabel il-COVID-19 sa fejn huma kkonċernati l-laqgħat tal-COSAC. Saru żewġ laqgħat tal-Presidenti tal-COSAC (29–30 ta' Jannar u 17–18 ta' Settembru) u żewġ laqgħat plenarji tal-COSAC (14–16 ta' Mejju u 26–28 ta' Novembru) bi preżenza esklużivament fiżika fil-bliet kapitali tal-Iżvezja u Spanja, li kull waħda minnhom kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Wara kull sessjoni plenarja nħarġu konklużjonijiet[120], kontribut[121] u rapport biannwali. Il-Kummissjoni pprovdiet tweġibiet bil-miktub għall-kontribuzzjonijiet adottati mill-COSAC[122]. Il-prattika tas-sentejn preċedenti li jkun hemm skambji informali online tal-COSAC mal-Membri tal-Kummissjoni ma ġietx segwita fl-2023, għalkemm il-konklużjonijiet adottati mill-COSAC matul it-tieni laqgħa plenarja tal-2022 irrikonoxxew l-utilità tagħhom biex jippermettu diskussjonijiet f'waqthom u dettaljati dwar inizjattivi konkreti tal-UE.

---

114 Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports.html.

115 Il-COSAC — li l-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fih — huwa l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati (fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE). Għal aktar informazzjoni, ara https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conferences/cosac.

116 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea tlaqqa' flimkien parlamentari mill-pajjiżi tal-UE, kandidati u osservaturi sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji, ambjentali u soċjali. Fl-2023, din kienet intitolata "Governanza ekonomika tal-UE minn perspettiva parlamentari" u saret fis 27-28 ta' Frar. Il-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis għamel rimarki tal-ftuħ ewlenin fis-sessjoni dwar "Economic and social challenges in times of geopolitical uncertainty". Il-Kummissarju Hahn introduċa s-sessjoni dwar "Support for Ukraine – national and EU budgetary crisis responses and the role of parliaments". Il-Kummissarju Gentiloni ta kummenti introduttorji matul is-sessjoni plenarja dwar ir-"Review of the EU economic governance framework".

117 Il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol kellu t-12 u t-13-il laqgħa tiegħu fis-26–27 ta' Marzu fi Stokkolma u fl-20–21 ta' Settembru fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissarju Johansson attendiet l-ewwel laqgħa personalment u tat intervent ewlieni dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Hija tat messaġġ bil-vidjo matul it-tieni laqgħa.

118 L-IPC dwar "Circular bioeconomy: the pathway towards a more innovative, resource-efficient and competitive Europe"(l-20 ta' Frar) attenda għaliha l-Kummissarju Sinkevičius. L-IPC dwar "Democracy in Europe: how can parliamentarians help safeguard and strengthen democracy and the rule of law?" (it-18 u d-19 ta' Ġunju) li attenda għaliha l-Kummissarju Reynders. Is-Simpożju tat-Taxxa tal-IPC dwar "The future of taxation in the EU: challenges ahead and changes needed" (l-24 u l-25 ta' Ottubru) kien fiha diskors tal-għeluq mill-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis fl-ewwel jum u diskors ewlieni tal-Kummissarju Gentiloni fit-tieni jum. L-IPC dwar "Stability, economic coordination and governance in the EU" (is-26 u s-27 ta' Ottubru 2023) kien fiha messaġġ bil-vidjo mwassal mill-Viċi President Eżekuttiv Šefčovič.

119 Il-laqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar "Children at the heart of Europe: 2 years of the European Child Guarantee"(it-28 ta' Ġunju) li attendiet għaliha l-Viċi President Šuica. Il-laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar "The future of cohesion policy: opportunities, challenges and next steps "(7 ta' Novembru) attendiet għaliha l-Kummissarju Ferreira. L-ICM dwar "Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE" (4 ta' Diċembru) kien fiha messaġġ bil-vidjo mwassal mill-Kummissarju Reynders.

120 Konklużjonijiet adottati fid-LXIX COSAC u Konklużjonijiet adottati fis-LXX COSAC (bl-EN u bil-FR).

121 Kontribut adottat fid-LXIX COSAC u Kontribut adottat fis-LXX COSAC (bl-EN u bil-FR).

122 Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-kontribut adottat fid-LXIX COSAC (anness) u Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-kontribut adottat fis-LXX COSAC (anness) (disponibbli bl-EN biss).

Il-Kummissjoni kienet irrappreżentata minn wieħed mill-membri tagħha fi tlieta mill-erba' laqgħat ta' hawn fuq. Matul il-laqgħa plenarja LXIX tal-COSAC fi Stokkolma, il-President von der Leyen enfasizzat f'messaġġ bil-vidjo ewlieni rreġistrat minn qabel l-involviment tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Il-Kummissarju Johansson ipparteċipat fl-ewwel laqgħa tal-Presidenti (wiċċ imb wiċċ) u fil-laqgħa plenarja tal-LXX COSAC (permezz ta' videolink) biex tiddiskuti l-kriminalità organizzata u l-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Minbarra dawn is-suġġetti u l-enfasi tradizzjonali fuq il-prijoritajiet tal-presidenzi rispettivi tal-Kunsill tal-UE, kwistjonijiet oħra koperti matul dawn il-laqgħat kienu s-sitwazzjoni fl-Ukrajna u l-futur tagħha fl-UE (koperta fi tlieta mill-erba' laqgħat, kull darba bil-parteċipazzjoni tas-Sa Ivanna Klympush-Tsintsadze, il-President tal-Kumitat tal-Parlament Ukren dwar l-Integrazzjoni tal-Ukrajna fl-UE), 30 sena tas-suq uniku, il-kriżi tal-enerġija, it-tranżizzjoni ekoloġika, l-awtonomija strateġika miftuħa u r-relazzjonijiet mal-Amerka Latina, u s-sitwazzjoni f'Iżrael u fl-Istrixxa ta' Gaża wara l-attakki terroristiċi tal-Ħamas fuq Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2024.

## 6. Ir-rwol tal-Parlamenti reġjonali

Il-Parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll Nru 2, huwa f'idejn kull Parlament nazzjonali, meta jwettaq il-kontroll tas-sussidjarjetà għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE bil-ħsieb li joħroġ opinjonijiet motivati, li jikkonsulta, fejn xieraq, lill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi.

Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma rappreżentati wkoll fil-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li jwettaq ħidma ta' monitoraġġ permezz tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu, li hija mfassla biex tappoġġja l-parteċipazzjoni mill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà (REGPEX)[123].

It-Trattati ma jipprevedux b'mod espliċitu interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, iżda l-Kummissjoni tqis il-kontribuzzjonijiet tagħhom u twieġibhom. Inqas Parlamenti reġjonali[124] ssottomettew inqas riżoluzzjonijiet lill-Kummissjoni milli fis-snin preċedenti: 32 riżoluzzjoni fl-2023, meta mqabbla ma' 72 fl-2022, 50 fl-2021 u 33 fl-2020. Dawn kienu jikkonċernaw diversi kwistjonijiet, bħad-Dikjarazzjoni ta' Brussell tal-Parlamenti reġjonali li jitkellmu bil-Ġermaniż, ir-rikonoxximent tal-karestija ta' Holodomor bħala ġenoċidju, l-ekonomija ċirkolari, id-drittijiet tal-bniedem, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-kriptovaluti, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, il-kooperazzjoni umanitarja, il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, u l-istatus tal-Katalan fl-UE. Madwar terz tal-kontribuzzjonijiet iffukaw fuq proposti speċifiċi tal-Kummissjoni[125], tmienja minnhom esprimew tħassib dettaljat dwar is-sussidjarjetà. Oħrajn ipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni, għalkemm s'issa dan il-mezz intuża b'mod attiv minn Parlament reġjonali wieħed biss li ssottometta tweġibiet għal diversi

---

[123] http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx. Ara t-Taqsima 2.4 għal aktar dettalji dwar l-attivitajiet ta' kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

[124] Il-parlamenti reġjonali ta': Il-Flanders (il-Belġju); Il-Bavarja u Baden-Württemberg (il-Ġermanja); il-Gżejjer Baleariċi u l-Pajjiż Bask (Spanja); L-Awstrija ta' Fuq u l-Parlament Provinċjali ta' Vjenna (l-Awstrija); il-Konferenza Ewropea tal-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali Ġermaniżi u Awstrijaċi, l-Assemblea Reġjonali tat-Tirol tan-Nofsinhar, il-Parlament tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż tal-Belġju, flimkien mal-*Bundestag* u l-*Bundesrat* Ġermaniżi, u l-*Bundesrat* Awstrijak; u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali Awstrijaċi. Il-Parlament reġjonali tal-Bavarja pproduċa kważi 50 % ta' dawk ir-riżoluzzjonijiet (14). Parlamenti reġjonali partikolarment attivi oħra kienu dawk mill-Pajjiż Bask (ħames riżoluzzjonijiet), mill-Gżejjer Baleariċi (erba' riżoluzzjonijiet), u minn Baden-Württemberg (tliet riżoluzzjonijiet).

[125] COM(2022) 542 final, COM(2022) 720 final, COM(2023) 31 final, COM(2023) 128 final, COM(2023) 185 final, COM(2023) 234 final, COM(2023) 242 final, COM(2023) 335 final, COM(2023) 411 final, COM(2023) 414 final, COM(2023) 415 final u COM(2023) 528 final.

konsultazzjonijiet pubbliċi mnedija mill-Kummissjoni[126]. Parlament reġjonali wieħed uża kanal ieħor, u ssottometta tliet opinjonijiet permezz tal-Parlament nazzjonali tiegħu[127].

## 7. KONKLUŻJONI

Meta mqabbel mas-snin preċedenti tal-mandat ta' din il-Kummissjoni, kien hemm żieda ġenerali fl-intensità tal-attività tal-Parlamenti nazzjonali fl-2023 fid-djalogu bil-miktub u orali u fil-monitoraġġ tagħhom tar-rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità sabiex jiġi żgurat li l-azzjoni tal-UE tittieħed biss meta u sa fejn ikun meħtieġ. L-għadd totali ta' opinjonijiet (inklużi l-opinjonijiet motivati) żdied għal 402 fl-2023, meta mqabbel ma' 355 fl-2022 u 360 fl-2021.

L-2023 kienet l-ewwel sena mill-2008 li fiha l-Kummissjoni rċeviet aktar opinjonijiet fl-aħħar sena sħiħa tal-mandat tagħha milli fis-sena preċedenti. Madankollu, meta mqabbla maż-żewġ mandati preċedenti tal-Kummissjoni, kompliet ix-xejra li kienet diġà ġiet enfasizzata fir-rapport annwali tal-2022 ta' tnaqqis fl-għadd globali ta' opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali.

L-għadd ta' opinjonijiet kompla jvarja b'mod sinifikanti minn Parlament nazzjonali għal ieħor. L-aktar 10 kmamar attivi ħarġu perċentwal kważi identiku ta' opinjonijiet bħal fis-sentejn preċedenti (79 %), filwaqt li l-għadd ta' kmamar li ħarġu opinjonijiet naqas bi 2. B'mod ġenerali, il-Parlamenti nazzjonali li tradizzjonalment iffukaw fuq il-verifika tal-konformità tal-proposti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità komplew jagħmlu dan fl-2023.

B'mod ġenerali, madwar 70 % tal-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali ffukaw fuq proposti li kienu soġġetti għall-kontroll tas-sussidjarjetà. It-30 % li jifdal iffukaw fuq proposti li ma kinux (jiġifieri politiki fejn l-UE għandha kompetenzi esklużivi), fuq dokumenti mhux leġiżlattivi jew fuq suġġetti oħra (permezz ta' opinjonijiet fuq inizjattiva proprja). Dan il-bilanċ kien tipiku għal sena b'għadd kbir ta' proposti leġiżlattivi.

Fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, l-2023 rat tnaqqis konsiderevoli fl-għadd tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (32) u ritorn għal-livell fl-2020 (33) (wara l-massimu fis-sentejn preċedenti ta' 72 fl-2022 u 50 fl-2021).

Tematikament, il-Parlamenti nazzjonali baqgħu ffukati fuq il-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, b'attenzjoni partikolari għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea u l-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna. Il-gwerer li għaddejjin fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani fissru li l-kuntest ġeopolitiku diffiċli deher ukoll b'mod prominenti fl-iskambji (inkluż f'laqgħat u konferenzi interparlamentari, bħall-COSAC). Għalhekk, ir-riflessjonijiet dwar il-futur tal-UE u t-tkabbir, il-migrazzjoni u s-sigurtà kienu wkoll suġġetti prominenti, kif kienu wkoll il-provvista u l-ispejjeż tal-enerġija, il-kompetittività tal-UE, l-awtonomija strateġika miftuħa, u tranżizzjoni ġusta.

L-iżviluppi ewlenin fl-2023 rigward l-iskrutinju tar-rispett għas-sussidjarjetà wasslu għall-konklużjonijiet notevoli li ġejjin.

- L-għadd ta' opinjonijiet motivati (22) li jiddikjaraw nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà naqas bi kważi terz meta mqabbel mas-sena preċedenti (32).

---

126 Il-Parlament reġjonali tal-Bavarja ssottometta kontribuzzjonijiet għal 6 konsultazzjonijiet pubbliċi għal inizjattivi taħt varjetà ta' politiki, meta mqabbel ma' aktar minn 20 fis-sena preċedenti.

127 Il-Parlament Fjamming ssottometta opinjonijiet dwar il-kunflitt bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, in-Nagorno-Karabakh u l-kunflitt armat fil-Lvant Nofsani. Skont id-Dikjarazzjoni 51 tat-Trattati, il-Parlament Fjamming huwa komponent tas-sistema parlamentari nazzjonali Belġjana. L-opinjonijiet tal-Parlamenti reġjonali jiġu trażmessi permezz tas-segretarjat tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Assemblej Parlamentari, b'diskors fis-*Sénat/Senaat* Belġjan. Għalhekk, il-Kummissjoni rreġistrathom teknikament bħala opinjonijiet tas-*Sénat/Senaat* Belġjan, u wieġbet kemm permezz ta' dan tal-aħħar kif ukoll direttament lill-Parlament reġjonali.

- Kważi żewġ terzi ta’ dawn l-opinjonijiet motivati oriġinaw minn żewġ Parlamenti nazzjonali: iż-żewġ kmamar Taljani (disgħa) u r-*Riksdag* Żvediż (ħamsa).
- Diversi Parlamenti implimentaw bidliet interni biex ikunu jistgħu jiġu infurmati aħjar u aktar kmieni dwar il-proċess ta’ politika fil-livell tal-UE u biex jesprimu l-fehmiet tagħhom b’mod aktar effettiv[128].
- Sar użu strateġiku akbar mill-istrument speċifiku ta’ opinjonijiet rigward il-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni. L-għadd ta’ opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali li użaw din l-opportunità biex jinfurmaw lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-prijoritajiet nazzjonali tagħhom stess fost l-inizjattivi ewlenin fil-livell tal-UE u biex jindikaw l-ispeċifiċitajiet żdied b’mod sinifikanti minn 6 fl-2022 għal 10 fl-2023.

Bl-istess mod, jista’ jiġi osservat ukoll li xi Parlamenti nazzjonali bdew jużaw id-djalogu politiku b’modi innovattivi, bħal biex jirreaġixxu għad-diskussjoni li qed tevolvi tal-proposti leġiżlattivi fit-trilogi permezz ta’ opinjonijiet – jew b’opinjonijiet uniċi jew konsekuttivi maħruġa mill-istess kamra jew b’opinjoni konġunta maħruġa minn għadd ta’ Parlamenti u sottomessi fi stadju tard fil-proċess leġiżlattiv – u biex jimmarkaw aspetti ta’ diversi abbozzi ta’ atti delegati u ta’ implimentazzjoni permezz ta’ opinjoni fuq inizjattiva proprja ddedikata. Dan juri l-potenzjal strateġiku u l-flessibbiltà li joffri d-djalogu bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni.

[128] Pereżempju, fl-2023, ix-*Chambre des députés* Lussemburgiż stabbilixxa Kumitat għall-Affarijiet Ewropej għall-ewwel darba. Parlamenti oħra segwew riformi interni fl-2023 sabiex ikunu jistgħu jaġixxu b’mod aktar effiċjenti fil-proċess ta’ politika tal-UE. Eżempju wieħed ta’ dan kien is-*Seanad Éireann*, li ħoloq kumitat dwar l-iskrutinju tal-abbozz ta’ strumenti statutorji relatati mal-UE f’Diċembru 2022.